Ħarġa nru. 88 - Lulju 2014

B'XEJN
ma' l-orizzont

# SPORTIV

Magażin Sportiv ta' kull xahar



# Ġermanja champions tad-Dinja 2014

ara paġna 18

# JOSEPH SAMMUT
CO. LTD. • Est. 1977

# Turnkey Contractors

- All Types of Plastering - kisi
- Pointing - fuq il-fil
- Painting - żebgħa - Gypsum
- Drain Laying
- Tile Laying
- Building Alterations
- Restoration Works
- All kinds of Decoration Works

*Over 35 Years of Expertise - No Job is too small or too big!*

10, Triq Ħal Qormi, Sta. Venera
Tel: 2144 5380, 9949 2539 Fax: 2144 3093
e-mail: jsammut.ltd@mail.global.net.mt



# Lulju 2014

Matul dan ix-xahar saru ħafna avvenimenti bl-aktar wieħed li ġibed l-attenzjoni kien il-Fażi Finali tat-Tazza tad-Dinja li saret fil-Brażil u li ntrebħet mill-Ġermanja meta fil-finali għelbu lil Arġentina, fil-ħin barrani, bl-iskor ta' 1-0. B'hekk il-Ġermaniżi saru l-ewwel pajjiż li rebaħ dan l-akbar unur prestiġjuż tal-football minn barra l-Amerika t'isfel.

F'dan it-tournament inkisru bosta rekords ... b'wieħed minnhom ikun reġistrat mill-attakkant Ġermaniż, Miroslav Klose, li sar l-aqwa skorer ta' kull żmien b'total ta' 16-il goal.

Fix-xena lokali, l-erba' timijiet Maltin - Valletta (UEFA Champions League), Birkirkara, Hibernians u Sliema Wanderers (UEFA Europa League) kienu nvoluti fir-rounds ta' kwalifikazzjoni, li iżda, kollha sfaw eliminati.

Mill-isport tal-baħar tkompla jintlagħab il-Kampjonat tal-waterpolo tas-sajf fejn bdiet tintlagħab it-tieni fażi hekk kif it-timijiet ġew maqsuma fiż-żewġ diviżjonijiet - il-Premier u l-Kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni ... fejn Neptunes jinsabu fil-quċċata.

Jesmond Moore - Editur





# Irbaħ €25 voucher ma'

TeamSport®

Wieġeb tajjeb għal din il-mistoqsija u tidħol biċ-ċans li tirbaħ rigal ġentilment offrut lilna minn Teamsport...

**Min rebaħ it-Tazza tad-Dinja 2014?**

Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Awwissu, 2014:
**Kompetizzjoni Teamsport, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000**
Flimkien mat-tweġiba trid tikteb l-isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.

*It-tweġiba ta' Ħarġa nru. 87 hija:*
**Brażil**

*Ir-rebbieħa hija:*
*Doris Baldacchino - Mosta*






CAR | HOME | HEALTH | **TRAVEL** | BOAT | PET | WEDDING | BUSINESS

# MY TRAVELS

The ideal solution to cover your vacations and business trips.
Travel the world with peace of mind.

LAFERLA
INSURANCE AGENCY LIMITED

Agents for:

MIDDLESEA
A MEMBER OF THE MAPFRE GROUP

COM NO 250214 820



**Contact Us**

+356 2124 0828

info@laferla.com.mt

**Buy Online**

www.laferla.com.mt

Find us on Facebook

Laferla Insurance Agency Limited, Vincenti Buildings, Old Bakery Street, Valletta VLT 1453.

Tel: 2124 0828 Fax: 2124 6704 www.laferla.com.mt

Laferla Insurance Agency Limited is licensed to act as an insurance agent for Middlesea Insurance p.l.c. and both companies are authorised to transact insurance business by the Malta Financial Services Authority.






Ħarġa nru 88
SPORTIV
Magażin Sportiv ta' kull xahar

**Ippubblikat minn Union Print**
Union Print Co. Ltd
Marsa Tel: 25900216

**Editur**
Jesmond Moore
jesmondmoore@yahoo.co.uk

**Reklamar**
Alfred Caruana (Manager)
acaruana@unionprint.com.mt
Claudia Mifsud
sportivmalta@yahoo.com
Jason Penza
jpenza@unionprint.com.mt

**Ritratti**
Ian Noel Pace
Roger Azzopardi

***Cover - Il-captain tal-Ġermanja Philipp Lahm jgħolli t-Tazza tad-Dinja***

UNION PRINT CO. LTD

**SPORTIV stampat fil-Union Print Co. Ltd. Marsa - Malta**



Dan il-magażin jingħata B'XEJN mal-ġurnal l-orizzont fl-aħħar Sibt ta' kull xahar u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkoppjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.


# Werrej


4 **MFA** Jittellgħu l-poloz tal-Kampjonati Nazzjonali

14 **Champions League** Kien mistenni aktar minn Valletta...

15 **UEFA Europa League** Diffiċli għal Hibernians

16 **UEFA Europa League** Birkirkara jisfaxxaw fit-tieni leg

17 **UEFA Europa League** Sliema Wanderers joffru sfida denja

18 **MFA Awards** Ryan Fenech l-Aħjar Player tal-2013/14

20 **Tazza tad-Dinja 2014** Il-Ġermanja champions denji

34 **YFA** Aktar sfidi għan-Nurseries

37 **Dr Kirill Micallef Stafrace** Sports & Exercise

38 **MEUSAC** Sejħa Speċifika taħt Erasmus+

40 **KMS** Jibda b'suċċess kbir il-programm Summer on the Move

44 **Waterpolo** Neptunes Grimaldi leaders assoluti

46 **Gozo Sport** Sevens Tournament f'Għawdex

48 **Snooker** Stajna morna aħjar - Kampjonat tad-Dinja

50 **Basketball** Deheb u Fidda għat-timijiet Maltin

52 **Storja Football** Kampjonat 1959-60

54 **Storja Regatta** It Tiġrija tal-Vitorja

56 **'Spot The Ball' u Tisliba**



mfa.com.mt




# Jittellgħu l-poloz tal-Kampjonati Nazzjonali

**TOTAL TA' 41 TIM** - 14 fl-Ewwel Diviżjoni, 14 fit-Diviżjoni u 13 fit-Tielet Divizjoni, se jieħdu sehem fit-tliet kampjonati nazzjonali li se torganizza l-MFA matul l-istaġun 2014-15. Dan minbarra 12-il tim ieħor li se jieħdu sehem fil-Kampjonat Premier għal total ta' 53 tim, affiljati mal-MFA.

Il-poloz tal-Kampjonat Premier ittellgħu waqt l-avveniment MFA Awards filwaqt li t-tlugħ tal-poloz tat-tliet kampjonati l-oħra saru waqt konferenza tal-aħbarijiet li, l-MFA flimkien mal-Bank of Valletta, organizzaw fil-Grand Hotel Excelsior fil-Floriana. Dawn it-tliet kampjonati, flimkien mal-ogħla diviżjoni u s-Super Cup se jerġgħu jkunu sponosrjati mill-Bank of Valletta.

It-tlugħ tal-poloz tal-ewwel logħbiet sar fil-preżenza tal-uffiċjali tal-MFA, Bjorn Vassallo u tal-Bank of Valletta, Michael Galea u Rodney Pisani u Mark Attard, f'isem l-MFA.

Il-logħob tal-Kampjonat tal-Ewwel Divizjoni se jintlagħab fil-Victor Tedesco Stadium, fis-Centenary Stadium u fil-Luxol Stadium filwaqt li dawk tat-Tieni u t-Tielet Diviżjoni se jintlagħbu fil-Luxol Stadium, fic-Charles Abela Stadium, fis-Sirens Stadium u fis-Centenary Stadium. Minħabba l-preżenza ta' Hamrun Spartans FC fit-Tieni Diviżjoni, xi logħob minn din id-diviżjoni se jintlagħab ukoll fil-Victor Tedesco Stadium.

Kemm is-Sur Bjorn Vassallo kif ukoll is-Sur Michael Galea, fid-diskorsi li għamlu qabel it-tlugħ tal-poloz, urew is-sodisfazzjon tagħhom li għall-għaxar darba l-BOV se jkun l-isponsor tal-Kampjonati Nazzjonali.

Is-Sur Vassallo qal li bis-saħħa tal-promozzjoni lejn il-logħba, kien hemm titjib fuq il-kampjonati li torganizza l-MFA u fl-aħħar tal-istaġun l-ieħor kienet reġistrata żieda fl-attendenzi u fid-dħul finanzjarju tal-klabbs. B'kollox iż-żieda totali reġistrata fl-attendenzi kienet tlaħħaq l-10%.

Is-Sur Galea qal li matul dawn l-għaxar snin tal-kollaborazzjoni bejn il-bank u l-MFA, kien hemm żieda fit-timijiet li qed jieħdu sehem fil-kampjonati tal-MFA u dan jixhed l-impatt li l-futbol għandu fuq id-dilettanti Maltin u Għawdxin.

Is-Sur Rodney Pisani ta dettalji dwar it-tliet kampjonati u qal li dan l-istaġun jiftaħ uffiċjalment bil-BOV Super Cup bejn Valletta u Birkirkara li se tintlagħab fit-8 ta' Awwissu fis-7:30 ta' filgħaxija.

Il-Kampjonati tal-Ewwel u t-Tieni Diviżoni se jibdew fit-12 ta' Settembru filwaqt li tat-Tielet Diviżjoni se jibda fl-14 ta' Settembru.

Il-poloz tal-ewwel logħbiet tat-tliet diviżjonijiet irriżultaw hekk:

**Kampjonat BOV tal-Ewwel Diviżjoni**

Vittoriosa S. v Gżira U.
Fgura U. v St. Andrew's
Rabat A. v Mqabba
Melita A. v Pembroke A.
Gudja U. v Birżebbuġa SP
St. George's v Msida SJ
Żurrieq v Lija A.

**Kampjonat BOV tat-Tieni Diviżjoni**

Sirens v Għaxaq
Żabbar SP v Zejtun C.
Għargħur v Marsa
Hamrun S. v San Ġwann
Xgħajra T. v Dingli S.
Mellieħa v Swieqi U.
Senglea A. v Siġġiewi

**Kampjonat BOV tat-Tielet Diviżjoni**

Marsaxlokk v Luqa SA
Sta. Lucia v Mdina K.
Marsaskala v Kalkara
Ta' Xbiex v Kirkop Utd
Mġarr Utd v Qrendi
Mtarfa v Attard
Sta. Venera L. bye



# Il-Bank of Valletta se jerġa' jisponsorja l-Kampjonati Nazzjonali tal-MFA




**IL-BANK OF VALLETTA** ġedded l-appoġġ finanzjarju mal-Malta Football Association għall-istaġun 2014-15. Dan tħabbar waqt l-aħħar laqgħa tal-Kunsill tal-MFA li saret fl-aħħar tax-xahar ta' Ġunju.

Il-President Norman Darmanin Demajo esprima s-sodisfazzjon tiegħu għal din l-aħbar u qal li hu ta' pjaċir tiegħu li l-BOV se jerġa' jkun l-isponsor tal-Kampjonati Nazzjonali u tas-Super Cup. Huwa rringrazzja lill-bank li reġa' wera fiduċja fl-operat tal-MFA tant li kompla jinvesti fil-futbol Malti.

Il-Kap Eżekuttiv tal-BOV, Charles Borg, f'stqarrija maħruġa b'mod konġunt mill-Bank u l-Assoċjazzjoni, qal li l-isport huwa wieħed mill-pilastri fil-programm tal-BOV favur il-komunità.

Is-sur Borg wera s-sodisfazzjon tiegħu wkoll li l-Bank se jerġa' jkun l-isponsor tal-MFA għal sena oħra. Din hija l-għaxar sena minn mindu l-BOV beda jisponsorja għall-ewwel darba l-kampjonati nazzjonali tal-futbol organizzati mill-MFA.

Is-Sur Borg qal li bl-appoġġ li qed jagħtu lill-kampjonati tal-MFA, kemm tal-Irġiel kif ukoll tan-Nisa, il-BOV sar sinonimu mal-futbol Malti kif ukoll mal-premju tal-BOV Player tax-Xahar.

Huwa temm jgħid li l-Bank jinsab kuntent li matul l-aħħar staġun, fil-kampjonati nazzjonali kollha li organizzat l-MFA kien hemm żieda fl-attendenzi meta mqabbla ma' dawk tal-istaġun ta' qabel u dan ikompli jikkonferma li l-logħba tal-futbol hija l-aktar sport popolari fil-Gżejjer Maltin.

# Coaching kors ieħor tal-FIFA fiċ-Ċentru Tekniku




**LEJN L-AĦĦAR TA' ĠUNJU**, Anne Noe Haesendonck, FIFA Coaching Instructress mill-FA tal-Belġju, mexxiet kors ta' ħamest ijiem għall-kowċis tal-futbol tan-nisa fiċ-Ċentru Tekniku tal-MFA. Grupp ta' 24 kowċ minn diversi klabbs varji attendew għal dan il-kors intensiv sponsorjat mill-FIFA.

Minn żmien għal żmien, id-Dipartiment tal-Coach Education fiċ-Ċentru Tekniku japplika biex jorganizza korsijiet permezz tal-FIFA biex iżomm lill-kowċis lokali aġġornati mat-tibdil modern li jseħħ fil-metedojoloġiji tal-futbol.

Fl-aħħar erba' snin, kienu organizzati korsijiet simili għall-kowċis tal-goalkeepers li tmexxa minn Bob Browaeys u għal Head Coaches tan-Nursery li tmexxa minn Stepehn Costantine.

Sar ukoll kors tal-Grassroots minn Fritz Schmid, ieħor dwar il-Coaching tan-Nisa minn Monica Stabb u anke kors dwar il-Beach Soccer li tmexxa minn Ramiro Amarelle. Dan minbarra li saru wkoll diversi korsijiet għall-uffiċjali tal-logħba.

Il-kors li mexxiet Ann Noe Haesendonck implimenta diversi aspetti ta' tagħlim minn coaching tal-Youths sa dak tas-Seniors dejjem fil-futbol tan-nisa. Fi tmiem il-kors, il-parteċipanti rċevew ċertifikat ta' attendenza maħruġ mill-FIFA.

Dan kollu huwa parti minn ħidma li qed iwettaq iċ-Ċentru Tekniku biex jgħolli l-livell tal-coaching f'kull aspett tal-logħba f'pajjiżna.





# Żewġ korsijiet ġodda miċ-Ċentru Tekniku tal-MFA



**L-MFA NIEDIET ŻEWĠ KORSIJIET** ġodda immirati lejn il-Grassroots. Il-korsijiet huma għad-Diretturi fil-Youth Coaching u ieħor għall-amministraturi fin-nurseries lokali.

Dawn il-korsijiet qed isiru biex in-nurseries jitmexxew minn aktar nies ikkwalifikati mill-aspetti Tekniċi u Amministrattivi.

Ħmistax-il kandidat resqu għall-kors ta' Direttur tal-Youth Coaching waqt li 17 attendew il-kors tan-Nursery Administrators. Dawn kienu ġejjin kollha minn nurseries differenti.

Għal dawn l-aħħar tliet snin, in-nurseries ingħataw iċ-ċans miċ-Ċentru Tekniku li jibagħtu nies tal-għażla tagħhom biex jipparteċipaw f'dawn il-korsijiet. Dawn il-pożizzjonijiet huma meħtieġa biex klabb jikseb il-liċenzja meħtieġa għan-Nursery tiegħu.

F'dawn l-aħħar snin iċ-Ċentru Tekniku għamel passi mportanti biex itejjeb il-pożizzjoni tan-nurseries Maltin mill-aspett ta' operat u mmaniġġjar.




# Ippremjati l-iskejjel li ħadu sehem fil-kumpanija Reach Out

**ID-DIVERSI SKEJJEL** li ħadu sehem fl-esibizzjoni b'konnessjoni tal-UEFA U17 Championship Reach Out Campaign irriflettiet fil-popolarità ta' din l-inizjattiva fost l-istudenti f'Malta u f'Għawdex.

L-MFA hija ferm sodisfatta bir-rispons qawwi li kellha mill-iskejjel.

Bjorn Vassallo, f'isem l-MFA, irringrazzja lil kull min ikkontribwixxa u qal li din l-inizjattiva attirat attendenzi kbar f'diversi faċilitajiet f'Malta u f'Għawdex.

Is-Sur Vassallo qal li kien ferm sodsifatt bl-attendenzi inkoraġġanti li kien hemm fil-logħbiet li ntlagħbu f'Malta u f'Għawdex li laħqu l-figura sabiħa ta' 42,000 li jġibu madwar 10% tal-popolazzjoni ta' Malta.

Huwa stqarr li l-logħba għandha s-saħħa li tattira nies ta' kull età u f'dan il-kuntest għenet biex ingħatat pubbliċità lil pajjiżna.

Huwa feraħ lir-rebbieħa tal-esibizzjoni u rringrazzja lill-iskejjel kollha li ħadu sehem. Hu rringrazzja wkoll li kull min laqa' l-appell tal-Assoċjazzjoni u attenda l-logħbiet li kienu jinkludu wkoll studenti minn għadd ta' skejjel u immigranti miċ-ċentri miftuħa li hawn madwar Malta. Attendew ukoll numru sabiħ ta' tfal li jattendu n-nurseries tal-klabbs tal-futbol f'pajjiżna.

Is-Sur Vassallo rringrazzja lill-Ministru Evarist Bartolo għall-interess personali u l-għajnuna u l-koperazzjoni li ngħatat mill-Ministeru tal-Edukazzjoni biex kull attività li ġiet organizzata tkun suċċess.

L-iskejjel kollha li organizzaw il-gruppi biex jattendu għal-logħbiet tal-finali tal-Kampjonati Ewropej kienu ppreżentati b'ċertifikat ta' parteċipazzjoni waqt li l-iskejjel li hadu sehem fil-proġett tal-esibizzjoni rċevew vouchers li jissarrfu f'kotba jew tagħmir tal-isport.

B'kollox 82 skola ipparteċipaw f'din l-esperjenza biex it-tfal jattendu fl-istadium u 46 skola oħra ħadu sehem fl-inizjattiva tal-Proġett tal-Esibizzjoni.



# Donazzjoni lill-Puttinu Cares mill-plejers tat-tim nazzjonali

**IL-PLEJERS TAT-TIM NAZZJONALI MALTI** tal-Irġiel, għamlu ġest ta' karità mill-isbaħ, fejn żaru r-Rainbow Ward fl-isptar Mater Dei u taw donazzjoni lis-Sur Rennie Zerafa, f'isem Puttinu Cares, u fil-preżenza ta' Angele Cuschieri.

Id-donazzjoni kienet il-*line-up bonus* tal-partita ta' ħbiberija li ntlagħbet f'Faro, il-Portugall, ix-xahar li għadda, kontra Ġibiltà. Għal kull logħba kemm jekk ta' ħbiberija u kif ukoll jekk kompetittiva, l-iskwadra ta' plejers magħżula mill-kowċ nazzjonali jirċievu bonus u din id-darba dawn iddeċiedew li jingħata kollu għal dan l-għan ferm nobbli.

Il-kontinġent Malti, immexxi mill-uffiĐjal Bjorn Vassallo, kien jinkludi diversi plejers nazzjonali u l-kowċ nazzjonali Pietro Ghedin. Minbarra donazzjoni ta' flus, il-plejers taw rigali oħra lit-tfal, fosthom blalen Adidas li bħalhom intużaw waqt it-Tazza tad-Dinja fil-Brażil. Il-plejers kienu wkoll disponibbli għal ritratti mat-tfal.

Is-Sur Vassallo spjega li f'dawn l-aħħar snin, saret xi ħaġa normali ħafna li l-Assoċjazzjoni tkun involuta f'ġesti ta' natura soċjali.

"Huwa ta' pjaċir kbir għalina li ngħinu kull fejn nistgħu. Din id-darba kienu l-plejers nazzjonali tagħna li ħassew li għandhom jagħtu donazzjoni bi flushom. Wiċhed ma jistax ma jammirahomx u jfaħħarhom ta' dan il-ġest. Il-futbol jgħaqqad u jferraħ u għalhekk għandu saħħa kbira fil-komunità."

Rennie Zerafa, f'isem Puttinu Cares, kellu kliem ta' tifħir lejn l-MFA u l-plejers nazzjonali ta' Malta. Hu sostna li l-MFA dejjem kienet minn ta' quddiem biex tgħin lit-tfal li għandhom bżonn l-għajnuna tal-fondazzjoni Puttinu Cares.

Din kienet attività oħra relatata ma' numru ta' inizjattivi soċjali li l-MFA dejjem kienet minn ta' quddiem fl-appoġġ tagħha lejn kull min hu fil-bżonn. Preżenti wkoll waqt din l-attivita' kien hemm Maria Mifsud, Deputat Segretarju tal-MFA u responsabbli mill-FSR (Football Social Responsibility) u Ivan Vella, Team Manager tat-tim nazzjonali Malti.




# Imnedija t-tieni edizzjoni tal-Goal Card għall-Euro 2016

**WARA S-SUĊĊESS PREĊEDENTI**, il-Malta Football Association nidiet it-tieni edizzjoni tal-Goal Cards għal-logħbiet ta' kwalifikazzjoni tal-Euro 2016 bi prezzijiet imraħħsa. Il-pakkett ikopri l-logħbiet kollha meta t-tim nazzjonali Malti jilgħab il-logħbiet tiegħu fl-Istadium Nazzjonali.

Il-kunċett ta' din il-Card huwa l-istess bħal dak tal-logħbiet tat-Tazza tad-Dinja 2014. L-unika differenza se tkun li l-Assoċjazzjoni qed tipprova tifrex aktar fuq il-Fan Loyalty Programme.

Din il-Card se tagħti l-opportunità lill-pubbliku ġenerali li jiffranka €40 fuq il-prezz tad-dħul meta wieħed jixtri l-Goal Card meta mqabbel ma' biljett li jinxtara ftit jiem qabel il-logħba li Malta jkun imissha tilgħab home.

Il-kalendarju tal-logħbiet home ta' Malta hu dan:

**2014**
10 ta' Ottubru
MALTA vs Norveġja

13 ta' Ottubru
MALTA vs Italja

**2015**
12 ta' Ġunju
MALTA vs Bulgarija

6 ta' Settembru
MALTA vs Azerbaijan




13 ta' Ottubru
MALTA vs Kroazja

Kull min jixtri Goal Card ikollu post garantit għal-logħbiet kollha u wkoll ċans li jirbaħ dawn il-premjijiet:

- Wieħed minn ħames biljetti għal staġun għal-logħbiet tal-kampjonat
- Wieħed minn ħames flokkijiet tat-tim nazzjonali ffirmati
- Sena membership b'xejn fis-Swimming Pool
- Goal Card għall-Partner
- Ċans li tieħu ritratt tat-tim nazzjonali
- Tour tal-istadium Nazzjonali għall-familja

# Appointments mill-UEFA għal Partiti mill-Europa League

**IR-REFERI INTERNAZZJONALI MARCO BORG** kien appuntat mill-UEFA sabiex jikkontrolla l-partita mill-ewwel round bejn FK Zeljeznicar (Bosnia-Herzegovina) u FK Lovcen (Montenegro) li ntlagħbet nhar il-Ħamis 3 ta' Lulju, 2014, gewwa l-Asim Ferhatovic, Hase Stadion f' Sarajevo, il-Boznja-Herzegovina.

F'partita missielta li ntemmet fi draw ta' mingħajr gowls, Marco Borg kien megħjun minn Edward Spiteri u Christopher Francalanza bħala assistenti referis u Sandro Spiteri bħala r-Raba' Uffiċjal. Dan kien id-debutt ta' Sandro Spiteri f'partita tal-UEFA. Il-wirja tal-uffiċjali tal-Maltin kienet assessjata minn John Ward mir-Repubblika Irlandiża.

Nhar il-Ħamis 10 ta' Lulju, 2014, ir-referi internazzjonali Clayton Pisani kien appuntat mill-UEFA sabiex jikkontrolla l-partita mit-tieni leg tal-ewwel round bejn KS Flamurtari (Albanija) u FC Sioni Bolnisi (Georgia) fil-Flamurtari Stadium fi Vlora, l-Albanija.

Il-kwalifikazzjoni għat-tieni round baqgħet inċerta sal-aħħar wara li t-tim Ġorġan irnexxielu jibni vantaġġ ta' żewġ gowls sal-aħħar ħames minuti tal-partita, madankollu KS Flamurtari skorjaw il-gowl li kien ifisser il-kwalifikazzjoni wara li kienu rebħu l-ewwel leg 3-2 għal *aggregate* ta' 4-4 bil-gowls away jgħoddu doppji.

Ingmar Spiteri u Duncan Sultana kienu l-assistenti referis f'din il-partita, filwaqt li Philip Farrugia ddebutta f'partita tal-UEFA bħala r-Raba' Uffiċjal. Robert Sedlacek mill-Awstrija kien appuntat mill-UEFA sabiex jassessja l-prestazzjoni tar-referis Maltin f'dan il-konfront.

Fl-ewwel round ta' kwalifikazzjoni mill-Europa League, il-UEFA appuntat ukoll *referee observers* Maltin, fosthim lil Charles Agius, Victor Mintoff, Gaetano Degabriele u Adrian Casha.

Dawn l-esperjenzi jkomplu jgħinu lill-uffiċjali Maltin sabiex jikbru fl-istatura tagħhom.











# Ippreżentati The Referees' Premier Awards

**WAQT IS-SERATA TAL-*MFA AWARDS 2014*,** organizzata nhar il-Ġimgħa 27 ta' Ġunju 2014 fl-Istadium Nazzjonali f'Ta' Qali, id-Dipartiment tar-Refereeing ippreżenta *'The Referees' Premier Award'* lir-referis Kevin Azzopardi u Paul Caruana, u lill-assistent referi Mariano Debono fi tmiem il-karriera tagħhom dan l-istaġun bħala rikonoxximent għas-servizz li huma taw fl-Ogħla Diviżjoni tal-Futbol Malti – il-Kampjonat Premier.

**Kevin Azzopardi**

Kevin Azzopardi dam jirreffja 18-il sena. Ikkontrolla 114-il partita bħala referi fil-Kampjonat Premier. Fis-sena 2011 kien l-ewwel referi Malti li ngħata s-Centre of Refereeing Diploma mill-UEFA. Fis-sena 2013 kien referi fuq il-Panel tal-FIFA, bl-aħħar partita tiegħu tkun dik mill-UEFA Youth League bejn Juventus FC u FC Copenhagen (2-2) fis-27 ta' Novembru, 2013.

**Paul Caruana**

Paul Caruana kellu karriera ta' 20 sena. Ikkontrolla 165 partita fil-Kampjonat Premier. Irreffja l-Finali tal-FA Trophy fis-sena 2010 bejn Floriana FC u Valletta FC (1-0) u l-finali tas-Super Cup fis-sena 2012 bejn Valletta u Hibernians (3-1). Kien appuntat mill-MFA bħala r-raba' uffiċjal f'diversi partiti tal-UEFA.

**Mariano Debono**

Il-karriera ta' Mariano Debono damet 14-il sena, sebgħa minnhom bħala assistent referi fuq il-Panel tal-FIFA. Fis-sena 2010, ġie appuntat mill-UEFA bħala wieħed mill-assistenti referis waqt il-Kampjonat Finali ta' Taħt id-19-il sena, fi Franza. Kien assistent referi fil-Finali tal-FA Trophy fis-sena 2008 bejn Birkirkara u Hamrun Spartans (2-1) u fil-Finali tas-Super Cup fis-sena 2009 bejn Hibernians u Sliema Wanderers (0-1).

**Joseph M. Cassar Naudi, M.Q.R.**

Waqt l-istess serata ġie ppreżentat ukoll *'The Outstanding Refereeing Services Award'* lil Joseph M. Cassar Naudi, M.Q.R. għas-snin twal ta' servizz lis-settur tar-refereeing bejn l-1945 u l-2014.

Cassar Naudi sar referi tal-MFA fis-sena 1945. Fl-1955 inħatar President tal-*Malta Football Referees Association*, kariga li dam jokkupa sal-1974.

Fl-1961 kien wieħed mill-



ewwel tliet referis Maltin li ngħataw il-Badge tal-FIFA u l-ewwel referi Malti li rreffja partita kompetittiva tal-UEFA, ġewwa Panathinaikos.

Fost il-partiti mportanti f'pajjiżna, huwa rreffja ħames darbiet il-Finali tal-FA Trophy bejn l-1951 u l-1973, bl-aħħar waħda tkun it-tielet partita bejn GĦira United u Birkirkara (2-0) wara żewġ draws ta' mingħajr goals.



Għal ħafna snin kien inkarigat mill-appointments tar-referis u l-*match inspectors*, illum imsejħa *referee observers*.



Fl-1992, ingħata l-Midalja Għall-Qadi tar-Repubblika.



Sal-istagun li għadu kif intemm kien jokkupa l-kariga ta' Deputy Chairman fir-Referees' Committee. B'kollox total ta' 69 sena ta' servizz lir-refereeing Malti.

Dawn il-premjazzjonijiet saru mid-Direttur tar-Refereeing Adrian D. Casha u ċ-Chairman tal-Kumitat tar-Referis, Charles Agius.





# Kien mistenni aktar minn Valletta ...



Il-formazzjoni inizjali ta' Valletta kontra Qarabag

**IĊ-CHAMPIONS MALTIN VALLETTA**, sofrew aggregate ta' 5-0 kontra t-team mill-Azerbaijan, Qarabag, biex dawn tal-aħħar ikkwalifikaw għat-tielet round ta' kwalifikazzjoni tal-UEFA Champions League.

Minkejja li l-aspettattivi ta' Valletta kienu għoljin, huma lagħbu kontra avversarji li għandhom budget finanzjarju ta' xejn inqas minn €11-il mijlun fis-sena. Matul l-aħħar staġun huma rebħu l-kampjonat domestiku wara nuqqas ta' 21 sena li kien it-tieni wieħed fl-istorja tagħhom waqt li rebħu t-Tazza tal-Azerbaijan għal tliet darbiet.

Kmieni fil-partita tal-ewwel leg, eżattament fl-14-il minuta, Qarabag setgħu faċilment fetħu l-iskor iżda l-goalkeeper Nicky Vella kien fundamentali meta salva bi bravura għalkemm ma żammx tentattiv ta' Leroy George. Fis-17 -il minuta, l-akkwist il-ġdid ta' Valletta, Ryan Camilleri, iffawlja lil Muarem u b'hekk it-team mill-Azerbaijan rebaħ freekick li minnu b'konklużjoni perfetta Chumbinho tefa' fix-xibka.

Man-nofs siegħa logħob Qarabag setgħu rdoppjaw l-iskor iżda kienu ferm sfortunati meta Agolli ra t-tentattiv tiegħu jistampa mal-mimduda.

Fit-tieni taqsima, Valletta kienu ferm iktar b'saħħithom mill-ewwel taqsima u kkontrollaw tajjeb lill-avversarji tagħhom iżda ma rnexxielhomx jagħmlu l-iktar ħaġa mportanti fil-football, jiġifieri, isibu x-xibka avversarja

Il-logħba naqset ħafna mir-ritmu tagħha u kien biss fis-66 minuta li seħħet l-ewwel azzjoni denja ta' nota meta Nicky Vella bi bravura ċaħħad lil Leroy George milli jsib ix-xibka billi dawwar tajjeb f'corner. Fil-75 minuta, il-goalkeeper Vella reġa' kien il-protagonista assolut għall-Beltin hekk kif wettaq save mill-isbaħ fuq Reynaldo wara li ntefa' minn tulu fl-art.

Fit-83 minuta, Qarabag rebħu penalty wara li Ryan Camilleri waqqa' lis-sostitut Dias fil-kaxxa fost protesti kbar min-naħa tal-partitarji Beltin hekk kif Camilleri deher li tajjar il-ballun minn saqajn Dias u mhux waqqgħu.

B'effett ta' dan, Ryan Camilleri safa mkeċċi u mill-11-il metru Nicky Vella wettaq save mill-isbaħ fuq tentattiv mill-penalty spot ta' Richard Almeida biex salva lil Valletta milli jsofri t-tieni goal fil-logħba.

Fit-tieni leg, Valletta kellhom bidu ferm ħażin għax wara li sofrew l-ewwel goal minn Reynaldo (15) huma kellhom lil Jonathan Caruana mkeċċi (19).

Imbagħad fit-tieni taqsima sofrew tliet goals oħra minn Chumbinho (48), Danilo Leandro Dias (56) u Leroy George (80), biex sitt minuti mit-tmiem, il-Beltin kellhom lil Ryan Fenech imkeċċi għal żewġ karti sofor.

**I Leg**

**15.07.2014 - 18.30 hrs**

| | |
|---|---|
| **Valletta** | **0** |
| **Qarabag** | **1** |
| Chumbino 18 | |

HT 0-0 **National Stadium**

**Valletta** – 28-Nicholas George Vella, 2-Jonathan Caruana, 3-Ian Azzopardi, 5-Ryan Camilleri, 36-Luke Dimech, 6-Ryan Fenech, 8-Hugo Faria, 10-Roderick Briifa, 18-Shaun Bajada (17 - Siraj Arab Eddin 90), 30-Abdelkarim Nafti (24 - Ian Zammit 85), 15-Lateef Elford-Alliyu (9 - Raphael Kooh-Sona 72)
*Coach* – Gilbert Agius
**Qarabag** – 13-Ibrahim Sehic, 2-Qara Qarayev (7 - Numig Yusifov 79), 24-Admir Teli, 25-Ansi Agolli, 55-Badavi Guseynov, 9-Reynaldo dos Silva Santos, 10-Muarem Muarem (11 -Danilo Dias 72), 18-Ilgar Gurbanov, 20-Richard Almeida de Oliveira, 41-Leroy George (17 - Vugar Nadirov 87), 70-Chumbinho
*Coach* – Gurban Gurbanov
**Referee** – Adrien Jaccottet (Svizzera)
**Assistenti** – Johannes Vogel, Stephane De Almeida (Svizzera)
**Raba' Uff.** – Sandro Scharer (Svizzera)
**Ammoniti** – R. Briffa, H. Faria (V)
**Tkeċċa** – R. Camilleri 84 (V)

**II Leg**

**22.07.2014 - 21.30 hrs**

| | |
|---|---|
| **Qarabag** | **4** |
| Reynaldo 15, Chumbino 48, D. L. Dias 56, L. George 80 | |
| **Valletta** | **0** |

HT 1-0 **Tofig Bahramov Rep. Stadium**

**Qarabag** – Ibrahim Sehic, Qara Qarayev, Reynaldo (Vuqar Nadirov 46), Danilo Leandro Dias, Ilgar Gurbanov, Richard Almeida (Namig Yusifov 75), Admir Teli, Ansi Agolli (Tarlan Guliyov 81), Leroy George, Badavi Guseynov, Chuminbo
*Coach* – Gurban Gurbanov
**Valletta** – Nicky Vella, Jonathan Caruana, Ian Azzopardi, Ryan Fenech, Faria, Roderick Briffa, Lateef Elford-Alliyu (Raphael Kooh-Sohna 57), Shaun Bajada, Ian Zammit (Luke Montbello 70), Abdelkarim Nafti (Hamid Alkamali 85), Luke Dimech
*Coach* – Gilbert Agius
**Referee** – Sergei Tsinkevich (Belarus)
**Assistenti** – Evgeni Romanov, Vitali Malyutin (Belarus)
**Raba' Uff.** – Denis Scherbakov (Belarus)
**Ammoniti** – S. Bajada, L. Dimech, Faria, R. Fenech (V); L. George (Q)
**Tkeċċew** – . Caruana 19, R. Fenech 86 (V)

**Aggregate: Qarabag 5-0**

# Diffiċli għal Hibernians

Hibernians sofrew eliminazzjoni diffiċli kontra s-Slovakki ta' Spartak Trnava b'aggregate ta' 9-2 meta fl-ewwel leg tilfu bl-iskor ta' 4-2 filwaqt li fit-tieni leg sfaw megħluba bl-iskor ta' 5-0.

L-ewwel leg intlagħab fl-Istadium Nazzjonali meta Hibernians ma setax kellhom bidu iktar ħażin fil-logħba hekk kif wara biss 10 minuti logħob spiċċaw jilagħbu b'10 players meta tkeċċa għalihom id-difensur Jonathan Pearson wara li waqqa' lil Martin Mikovic fil-kaxxa u għalhekk ir-referee ordna penalty fejn mill-11–il metru l-attakkant Erik Sabo ma żbaljax.

U tliet minuti biss wara l-Islovakki rdoppjaw l-iskor meta minn corner mogħti tajjeb minn Kamil Kuzma, il-ballun spiċċa għand Erik Sabo li mill-viċin tefa' ġewwa biex skorja doppejtta personali f'temp ta' żewġ minuti biss.

Fis-36 minuta Spartak Trnava għamluhom tlieta permezz ta' konklużjoni tajba ta' Jan Vlasko.

Hibernians ħarġu aktar avventurużi fit-tieni taqsima u wettqu reazzjoni mmedjata fejn ma damux ma naqsu l-marġni tal-iskor, tliet minuti mill-ftuħ tat-tieni taqsima, meta huma rebħu freekick wara foul ta' Matej Siva fuq Clayton Failla.

Inkariga ruħu mill-freekick il-captain Andrew Cohen li permezz ta' xutt perfett tefa' fix-xibka. U proprju eżattament wara dan il-goal, il-Pawlisti rebħu freekick ieħor wara li Marek Janecka ffawlja lill-attakkant Malti Jean Paul Farrugia.

Din id-darba nkariga ruħu mill-freekick l-ispeċjalista l-ieħor tal-freekicks fil-formazzjoni tal-Pawlisti, Clayton Failla, li ra l-konklużjoni tiegħu ntemmet fix-xibka.

Spartak Trnava skorjaw ir-raba' goal tagħhom, fit-88 minuta, meta wara li Jurgen Degabriele kellu xutt imblokkat, il-ballun spiċċa għand is-sostitut Tomas Mikinic li wara azzjoni tajba xeħet il-ballun wara l-goalkeeper żagħżugħ Pawlist, Daniel Balzan, għal vantaġġ komdu.

It-tieni leg kien biss formalità meta Hibernians ħarġu telliefa bl-iskor kbir ta' 5-0 bil-goals jaslu minn Martin Mikovic (12), Erik Sabo (21, 92), Jan Vlasko (28) u Tomas Mikinic (85).









Il-formazzjoni inizjali ta' Hibernians 1

Il-formazzjoni inizjali ta' Spartak Trnava 2

Rodolfo Soares (Hibernians) jipprova janticipa lil Martin Mikovic (Spartak Trnava) 3

Jonathan Pearson (Hibernians) jikkommetti penalty fuq Martin Mikovic (Spartak Trnava) 4

## I Leg

**03.07.2014 - 20.00 hrs**

**Hibernians** 2
A. Cohen 49, C. Failla 50

**Spartak Trnava** 4
E. Sabo 11 pen., 13, J. Vlasko 36, T. Mikinic 88

HT 0-2 **National Stadium**

**Hibernians** – Daniel Balzan, Rui Da Gracia, Jonathan Pearson, Timothy Tabone Desira, Rodolfo Saores, Bjorn Kristensen, Clayton Failla (Jurgen Degabriele 81), Johann Bezzina, Marcelo Dias (Brandon Muscat 65), Andrew Cohen, Jean Paul Farrugia (Joseph Mbong 90)
*Coach* – Branko Nisevic

**Trnava** – 41-Matej Strapak, 2-Matej Siva (13 - Milan Bortel 58), 6-Marek Janecka, 19-Martin Toth, 20-Matus Conka, 8-Martin Mikovic (32 - Tomas Mikinic 74), 10-Jan Vlasko, 25-Erik Sabo, 27-Kamil Kuzma, 11-Jan Chovanec, 29-Nikolas Spalek (26 - Ivan Schranz 55)
*Coach* – Juraj Jarabek

**Referee** – Mark Whitby (Wales)
**Assistenti** – Gareth Wyn Jones, Martin Roberts (Wales)
**Raba' Uff.** – John Dean (Wales)
**Ammoniti** – B. Kristensen, C. Failla (H)
**Tkeċċa** – J. Pearson 10 (H)

## II Leg

**10.07.2014 - 19.30 hrs**

**Spartak Trnava** 5
M. Mikovic 12, E. Sabo 21, 92, J. Vlasko 28, T. Mikinic 85

**Hibernians** 0

HT 3-0 **FC Vion Stadium - Zlate Moravce**

**Trnava** – Matej Strapak Marek Janecka, Martin Mikovic (Tomas Mikinic 64), Jan Vlasko, Jan Chovanec, Milan Bortel, Martin Toth (Patrik Banovic 46), Matus Conka, Erik Sabo, Ivan Schranz (Nikolas Spalek 59), Kamil Kuzma
*Coach* – Juraj Jarabek

**Hibernians** – Daniel Balzan, Timothy Tabone Desira, Rui Da Gracia, Rodolfo Soares, Marcelo Dias, Andrew Cohen, Bjorn Kristensen, Clayton Failla, Brandon Muscat (Jurgen Degabriele 65), Johan Bezzina, Jean Paul Farrugia
*Coach* – Branco Nisevic

**Referee** – Nerijus Dunauskas (Litwanja)
**Assistenti** – Dovydas Suziedelis, Aleksandr Radius (Litwanja)
**Raba' Uff.** – Audrius Zuta (Litwanja)
**Ammoniti** – C. Failla, M. Dias, J. Bezzina, B. Kristensen (H); K. Kuzma, M. Bortel, P. Banovic, T. Mikinic (ST)

**Aggregate: Spartak Trnava 9-2**

# Birkirkara jisfaxxaw fit-tieni leg

UEFA EUROPA LEAGUE

**I Leg**

**03.07.2014 - 20.30 hrs**

**Diosgyor 2**
D. Barczi 34, P. Bacsa 93

**Birkirkara 1**
M. Bissi 36

**HT 1-1 Debrecen Stadium - Debrecen**

**Diosgyor** – Ivan Rados, Senad Husic (Lazar Marjanovic 67), Tamas Kadar, William Alves, Drazen Okuka, Andras Gosztonyi (Gabor Bori 56), Mark Nikhazi, Akos Elek, David Barczi, Patrik Bacsa, Miroslav Grumic

*Coach* – Tomislav Sivic

**Birkirkara** – Adrian Murcia, Matheus Bissi, Nikola Vukanac, Alejandro Moreno, Gareth Sciberras (Edmond Agius 74), Paul Fenech, Ryan Camenzuli (Ryan Scicluna 60), Joseph Zerafa, Zach Muscat, Edward Herrera, Terence Vella (Rafael Ledesma 82)

*Coach* – Paul Zammit

**Referee** – Ignasi Villamayor Rozados (Andorra)

**Assistenti** – Laudino Lopez, Hugo Ricardo Jourdan Pereira (Andorra)

**Raba' Uff.** – Robert Gonzalez Salvado (Andorra)

**Ammoniti** – M. Bissi, A. Moreno (B); D. Okuka (D)

**Tkeċċa** – M. Biss 46 (B)

**II Leg**

**10.07.2014 - 19.30 hrs**

**Birkirkara 1**
R. Camenzuli 43

**Diosgyor 4**
S. A. Elek 30, S. Husic 61, D. Barczi 66, L. Marjanovic 90

**HT 1-1 National Stadium**

**Birkirkara** – 1-Adrian Murcia Sanchez, Leighton Grech (Lucky Omerou 63), Aleandro Mendoza, Nikola Vukanac, Terence Vella (Kurt Zammit 84), Ryan Scicluna, Paul Fenech, Edmond Agius (Rafael Ledesma 46), Ryan Camenzuli, Edward Herrera, Joseph Zerafa

*Coach* – Paul Zammit

**Diosgyor** – Botond Antal, Senad Husic, Thomas Kadar, William Alves Rocha, Drazen Okura, Patrick Bacsa (David Barczi 60), Andras Debreceni (Lazar Marjanovic 71), Andras Gosztonyi, Miroslav Grumic, Gabor Bori (Mark Nikhazi 71), Akos Elek, Coach

*Coach* – Tomislav Szivics

**Referee** – Pavle Radovanovic (Montenegro)

**Assistenti** – Milutin Dukic, Dejan Sakovic (Montenegro)

**Raba' Uff.** – Milovan Milacic (Montenegro)

**Ammoniti** – T. Kadar (D), J. Zerafa (B)

**Aggregate: Diosgyor 6-2**
















1 Paul Fenech (Birkirkara) jindirizza freekick lejn il-lasta ta' Diosgyor

2 Taqtiegħa għall-ballun bejn Terence Vella (Birkirkara) u Akos Elek (Diosgyor)

3 Joseph Zerafa (Birkirkara) jattakka lil Gabor Bori (Diosgyor)

4 Terence Vella (Birkirkara) jixxuttja lejn il-lasta ta' Diosgyor

5 Andras Debreceni (Diosgyor) jikkommetti foul fuq Terence Vella (Birkirkara)

Wara li fl-ewwel leg tar-round ta' kwalifikazzjoni tal-UEFA Europa League, Birkirkara sfaw megħluba bl-iskor ta' 2-1 mit-team Ungeriż ta' Diosgyor VTK, it-tamiet tagħhom kienu miftuħin beraħ li setgħu jikkwalifikaw għar-round li jmiss. Iżda ma kellux ikun minħabba li fit-tieni leg, fil-Istadium Nazzjonali huma sfaw megħluba bl-iskor kbir ta' 4-1 għal aggregate ta' 6-2.

Fl-ewwel leg, il-Karkariżi ppreżentaw wirja metikoluża li għalkemm lagħbu taqsima sħiħa bi player inqas meta, fis-46 minuta, tkeċċa Matheus għal żewġ karti sofor, xorta waħda kienu sfida denja.

Kienu Diosgyor li fetħu l-iskor, fl-34 minuta, meta l-Karkariżi waqfu għal offside iżda mill-cross minn fuq il-lemin, David Barczi, ikkonkluda għal ġewwa.

Żewġ minuti wara, l-Istripes kisbu d-draw minn ġmiel ta' freekick ta' Matheus Bissi.

Iżda goal fit-93 minuta, Patrik Bacsa, ta r-rebħa drammatika lil Diosgyar.

Fit-tieni leg, l-Istripes kellhom diversi players neqsin - lid-difensur Matheus Bissi sospiż, lil Gareth Sciberras li jinsab imweġġa' u lil Zach Muscat. L-akkwist il-ġdid, l-attakkant Brażiljan Eliandro Dos Santos għadu ma rkuprax u ma kienx inkluż fil-lista tat-18-il player.

Kien it-team Ungeriż li ħareġ jfittex goal kmieni fil-partita iżda l-Istripes għarfu jikkontrollaw il-furja Ungeriża u pprovaw jaqsmu logħob mal-avversarji. Diosgyori pprovaw jiffollaw nofs il-grownd biex l-attakki Karkariżi dehru dgħajfin quddiem il-lasta avversarja. Birkirkara dehru superjuri lejn l-aħħar mumenti tal-ewwel taqsima fejn il-pressjoni li għamlu tat il-frott u rnexxielhom jiksbu l-goal tad-draw qabel il-mistrieħ.

Diosgyori fetħu l-iskor wara 30 minuta logħob, meta Akos Elek iddribilja żewg difensuri Karkariżi fuq il-lemin, daħal fil-kaxxa u mill-anglu ħasad għal kollox lil Adrian Murcia Sanchez u xeħet il-ballun fix-xibka.

Birkirkara kisbu l-goal tad-draw, fit-43 minuta, meta Paul Fenech xeħet ballun preċiż fit-tul fejn ġab lil Ryan Camenzuli waħdu quddiem il-goalkeeper Ungeriż biex xeħet il-ballu fix-xibka.

It-tieni taqsima kienet storja differenti hekk kif dehret is-supremazija tat-team Ungeriż fejn skorjaw żewġ goals kmieni u aċċertaw ruħhom mill-kwalifikazzjoni.

It-tim Ungeriż mar fil-vantaġġ, fil-61 minuta, meta Senad Husic daħal fil-kaxxa u għeleb lil Adrian Murcia Sanchez b'xutt fil-baxx fuq l-ewwel lasta.

Ħames minuti wara Diosgyori skorjaw it-tielet goal meta mill-cross minn fuq ix-xellug, David Barczi minn taħt il-lasta spara l-ballun fix-xibka.

Qabel tmiem il-logħba, Mark Nikhazi, għadda lura lejn Lazar Marjanovic, fejn b'xutt dijagonali fil-baxx skorja r-raba' goal għat-tim Ungeriż.

# Sliema Wanderers joffru sfida denja

SLiema Wanderers kienu sfidanti denji minkejja li sfaw eliminati mill-ewwel round ta' kwalifikazzjoni tal-UEFA Europa League minn Ferencvaros, b'aggregate ta' 3-2 ... fejn spiċċaw draw ta' 1-1 fl-ewwel leg filwaqt li sfaw megħluba bl-iskor ta' 2-1 fit-tieni leg.

Bla dubju, fl-ewwel leg li ntlagħab fl-Istadium Nazzjonali, is-Slimiżi kien jimmeritahom ħafna aħjar ... hekk kif fallew penalty, laqtu l-lasta lejn it-tmiem u fit-tieni taqsima kibru fl-istatura biex qatt ma dehru inferjuri għall-avversarji.

Għall-kronaka, sa mill-bidu tal-partita Ferencvaros mill-ewwel rebħu l-inizjattiva iżda minkejja s-supremazija territorjali, l-Ungeriżi ftit li xejn kienu perikolużi quddiem il-lasta difiża mill-goalkeeper Slimiż, Glen Zammit.

Wara 14-il minuti logħob, Sliema Wanderers tilfu ċans tad-deheb li jiftħu l-iskor, meta r-referee ordna li jingħata penalty wara li Andrea Scozzese ġie mbottat fil-kaxxa żgħira.

L-attakkant Michael Mifsud inkariga ruħu mill-ħdax-il metru, li iżda, xeħet barra b'xutt fil-baxx. Fit-23 minuta, Daniel Bode approfitta minn *clearance* qasira ta' difensur Slimiż, biex illobja l-ballun minn fuq il-goalkeeper Glen Zammit, li spiċċa fuq is-saqaf tax-xibka.

Kontra xejra tal-logħob, fl-40 minuta, Sliema Wanderers fetħu l-iskor permezz ta' ġmiel ta' azzjoni personali minn Stanley Ohawuchi hekk kif l-attakkant Slimiż ikkontrolla tajjeb, fi tliet kwarti ta' ground, isserrep ma' tliet difensuri qabel ma fajjar xutt għal fuq in-naħa leminija tal-goalkeeper Ungeriż, Denes Dibusz.

Żewġ minuti mill-ftuħ tat-tieni taqsima, Stanley Ohawuchi qabeż lil Michael Nalepa fuq il-linja, daħal fil-kaxxa u venven xutt djagonali li ġie mblokkat mill-goalkeeper Denes Dibusz.

Fis-70 minuta, Paltemio Barbetti minn fuq il-lemin xeħet lejn Michael Mifsud, l-attakkant Slimiż iddribilja lill-goalkeeper iżda ra x-xutt tiegħu jiġi mxellef f'corner minn fuq il-linja fatali minn Ramajo David Mateos.

Ferencvaros kisbu l-goal tad-draw, fis-77 minuta, meta Glen Zammit ma ħatafx minn freekick biex Michael Nalepa approfitta u xeħet il-ballun fix-xibka b'xutt fil-baxx.

Tliet minuti minn tmiem il-partita, Sliema Wanderers resqu viċin li jiskorjaw il-goal tar-rebħa meta Andrea Scozzese b'xutt potenti, minn ġewwa l-kaxxa żgħira, stampa l-wieqfa.

Fit-tieni leg, Ferencvaros fetħu vantaġġ ta' żewġ goals minn penalty ta' Roland Ugrai, fl-14-il minuta, u Attila Busai fis-56 minuta.

Minkejja li Filippo Scozzese reġa' daħħal lill-Wanderers, fis-60 minuta, l-iskor sas-suffara finali baqa' ma nbidilx.

EUROPA LEAGUE

**I Leg**

**01.07.2014 - 17.45 hrs**

| | | |
|---|---|---|
| **Sliema Wanderers** | S. Ohawuchi 40 | **1** |
| **Ferencvaros** | M. Nalepa 77 | **1** |

HT 1-0 **National Stadium**

**Sliema W.** – Glen Zammit, Alex Muscat, Andrea Scozzese, Marko Potezika, John Mintoff, Mark Scerri, Michael Mifsud, Stanley Ohawuchi, Paltemio Barbetti, Guiseppe Muscat (Trevor Cilia 68), Stefano Biancardi

*Coach* – Alfonso Greco

**Ferencvaros** – Denes Dibusz, Philipp Bonig, Benjamin Lauth, Daniel Bode, Stjepan Kukuruzovic (David Holman 82), 19-Gabor Gyomber, Attila Busai (Wergiton do Rosario Calmon 46), Daniel Nagy (Vladan Cukic 46), Michal Nalepa, Predrag Bosnjak, Ramajo David Mateos

*Coach* – Thomas Doll

**Referee** – Arnold Hunter (Irlanda ta' Fuq)

**Assistenti** – Richard Storey, David Anderson (Irlanda ta' Fuq)

**Raba' Uff.** – Tim Marshall (Irlanda ta' Fuq)

**Ammoniti** – A. Busai, D. Nagy, M. Nalepa, P. Bonig, D. Holman (F); J. Mintoff , A. Muscat (SW)

**II Leg**

**10.07.2014 - 20.30 hrs**

| | | |
|---|---|---|
| **Ferencvaros** | xxxx | **2** |
| **Sliema Wanderers** | xxxxx | **1** |

HT 1-0 **Ferenc Puskas Stadium - Budapest**

**Ferencvaros** – Denes Dibusz, Benjamin Lauth (Daniel Nay 73), Stjepan Kukuruzovic (Vladan Cukic 88), Gabor Gyomber, Attilla Busai (Daniel Bode (70), Michal Nalepa, Predrag Bosnjak, David Mateos, Emir Dilaver, Roland Ugrai, Somalia

*Coach* – Thomas Doll

**Sliema W.** – Glen Zammit, Alex Muscat, Filippo Scozzese, Marko Potezica, John Mintoff, Mark Scerri, Michael Mifsud, Stanley Ohawuchi, Paltemio Barbetti, Giuseppe Muscat (Trevor Cilia 80), Stefano Bianciardi

*Coach* – Alfonso Greco

**Referee** – Ognjen Valjic (Bosnja)

**Assistenti** – Hrvoje Turudic, Goran Dujak (Bosnja)

**Raba' Uff.** – Edin Jakupovic (Bosnja)

**Ammoniti** – E. Dilaver, Somalia (F); P. Barbetti, S. Ohawuchi, M. Scerri, S. Bianciardi (SW)

**Tkeċċa** – P. Barbetti 90 (SW)

**Aggregate: Ferencvaros 3-2**











1 Il-players taż-żewġ timijiet jagħmlu waqfa biex jixorbu minħabba s-sħana qawwija

2 Taqtiegħa għall-ballun bejn Benjamin Lauth (Ferencvaros) u Stanley Ohawuchi (Sliema W.)

3 Michael Mifsud (Sliema W.) antiċipat minn Attila Busai (Ferencvaros)

4 Michael Mifsud (Sliema W.) segwit minn Ramajo David Mateos (Ferencvaros)

5 Michael Mifsud (Sliema W.) segwit minn Ramajo David Mateos (Ferencvaros)

# Ryan Fenech

MFA AWARDS 2014 — 27TH FRIDAY JUNE 2014 — NATIONAL STADIUM - TA' QALI

## l-aħjar Player tal-istaġun 2013/14

Meta nhar is-27 ta' Ġunju, saru l-MFA Awards 2013/14, liema serata saret proprju fl-Istadium Nazzjonali, il-midfielder internazzjonali Malti ta' Valletta, Ryan Fenech, ġie vvotat bħala l-Aħjar Player tas-Sena.



Il-president tal-MFA Norman Darmanin Demajo u l-Onorevoli Chris Agius jippreżentaw it-trofew lil Ryan Fenech (Valletta)



Manuel Gauci (Zabbar FC) - Fair Play Award



Jurgen Degabriele (Hibernians) - L-Aħjar Player tal-Youths



Dorianne Theuma - L-Aħjar Player Femminili

# Ir-riżultati kollha tal-Awards kienu:

**Player tas-Sena**
**Rebbieħ:**
Ryan Fenech (Valletta)
**Finalisti:**
Jonathan Caruana (Valletta)
Paul Fenech (Birkirkara)
Edward Herrera (Birkirkara)
Rowen Muscat (Birkirkara)

**Coach tas-Sena**
**Rebbieħ:**
Paul Zammit (Birkirkara)
**Finalisti:**
Alfonso Greco (Sliema W.)
Andrè Paus (Valletta)

**Player Żagħżugħ tas-Sena**
**Rebbieħ:**
Zach Muscat (Birkirkara)
**Finalisti:**
Bjorn Kristensen (Hibernians)
Ryan Scicluna (Birkirkara)

**L-Aħjar Player Barrani:**
**Rebbieħ:**
Jhonnattann (Birkirkara)
**Finalisti:**
Denni R. Dos Santos (Valletta)
Haruna S. Shodiya (Birkarkara)

**L-Aħjar Player I Diviżjoni:**
**Rebbieħ:**
Raphael A. Kooh Sohna (Pietà H.)
**Finalisti:**
Riccardo Costa (Pietà H.)
Trayo Grozev (St. Andrew's)

**L-Aħjar Player II Diviżjoni:**
**Rebbieħ:**
Timothy Thomas (Senglea A.)
**Finalisti:**
Mauro Brincat (Mqabba)
Dale Camilleri (Għargħur)

**L-Aħjar Player III Diviżjoni:**
**Rebbieħ:**
Giovanni Galea (Sirens)
**Finalisti:**
Kenneth Ekezie (Swieqi U.)
Mohammed Senussi (St Lucia)

**L-Aħjar Player Femminili:**
**Rebbieħa:**
Dorianne Theuma (Hibernians)
**Finalisti:**
Rachel Cuschieri (Birkirkara)
Stephania Farrugia (Birkirkara)

Ir-rebbieħa kollha flimkien mal-president tal-MFA Norman Darmanin Demajo



**L-Aħjar Player tal-Youths:**
**Rebbieħ:**
Jurgen Degabriele (Hibernians)
**Finalisti:**
Llywellyn Cremona (Valletta)
Kurt Zammit (Birkirkara)

**L-Aħjar Player Għawdxi:**
**Rebbieħ:**
Ferdinando Apap (Xewkija T.)
**Finalisti:**
Saturday Nanapere (Victoria H.)
Dene Shields (Xewkija T.)

**L-Isbaħ Goal:**
**Rebbieħ:**
Edward Herrera (Birkirkara)

**Fair Play Award:**
**Rebbieħa:**
Zabbar FC



Timothy Thomas (Senglea A.) - L-Aħjar Player tat-Tieni Diviżjoni



Giovanni Galea (Sirens)
L-Aħjar Player tat-Tielet Diviżjoni

# Il-Ġermanja champions denji





Il-Ġermanja rebħu l-20 edizzjoni tat-Tazza tad-Dinja meta fil-finali huma għelbu lill-Arġentina bl-iskor ta' 1-0, fil-ħin barrani, bl-uniku goal jiġi skorjat, fil-113 minuta minn Mario Goetze.

Kollox ma' kollox, it-team immexxi mill-coach, Joachim Loew, kien jimmeritah li jirbaħ dan l-unur minħabba li kien l-aħjar team matul it-tournament kollu fejn kisru wkoll bosta rekords.

Joe Micallef, is-segretarju ressaq il-proposta fejn ingħatat spjegazzjoni ta' dak li kien qed jiġi propost. Huwa qal li din ma kinetx il-proposta finali, tant li ġiet imsejħa laqgħa oħra għas-7 ta' Lulju, 2014, fejn in-nurseries kienu ser jinqasmu fi tliet gruppi u hemm isiru workshops, ħalli finalment jiġu mressqa suġġerimenti qabel ma toħroġ l-aħħar proposta finali li għandha tiġi attwata mill-istaġun 2014/2015. Is-segretarju qal li l-Assoċjazzjoni kienet miftuħa għal kull suġġeriment u żgur dak kollu li kien ser jiġi mressaq jiġi studjat biex finalment jekk dawk is-suġġerimenti jkunu fl-ambitu tal-filosofija li għalih kienet ser issir ir-riforma, l-Assoċjazzjoni żgur li kienet tinkludi dawk il-proposti.
Nhar is 7 ta' Lulju, 2014, inżammet laqgħa oħra fejn in-nurseries kellhom iċ-ċans li jiddiskutu f'workshops is-suġġerimenti u l-konklużjonijiet tagħhom, fejn fit-team ta' din il-laqgħa, *rapporteur* minn kull grupp fisser il-punti ewlenin li ġew diskussi f'kull grupp. Wara dan l-istadju, kien imiss il-Kunsill tal-Youth FA biex joħroġ il-proposta finali, għaldaqstant fil-laqgħa tal-Kunsill tal-Youth FA ta' nhar it-Tlieta, 15 ta' Lulju, fil-preżenza tad-Direttur Tekniku infetħet mill-ġdid id-diskussjoni dwar il-proposti, suġġerimenti u anke kritika li kienet daħlet biex finalment, il-Kunsill qabel li fil-fehma tiegħu, wara dak kollu li kien sema' kif ukoll wara li ġew analizzati xi punti, wasal għal dan il-format ta' tibdil li għandu jidħol fis-seħħ mill-istaġun 2014/15.

**Spjega tar-riforma Kampjonati Youth FA**

L-istaġun jibda' b'Knock-Out, Round 1, fuq żewġ legs, imtella' bil-polza, bejn it-timijiet li attwalment qegħdin Sezzjoni C, u mill-istaġun li ġej jingħaqdu magħhom dawk ta' Sezzjoni D wkoll, sabiex naslu għat-12-il team, li se jikkompetu fil-fażi tal-gruppi. Jekk it-timijiet wara ż-żewġ logħbiet jibqgħu f'riżultat ta' draw aggregate (m'humiex kunsidrati l-goals home u away), imorru direttament għal penalties, skond ir-regolamenti tal-FIFA, sabiex jiġi stabilit ir-rebbieħ. Jekk ikun hemm iktar minn 24 team, isir round preliminari, li jittella' bil-polza, u jsegwi l-istess regolamenti. Mill-istaġun 2015-16, ikunu 16 it-timijiet minn Sezzjoni C u D, li se jikkompetu fil-fażi tal-gruppi, u sabiex naslu għal dan in-numru, ikun hemm bżonn ta' knock-out u/ jew round preliminari, skond in-numru ta' teamijiet parteċipanti, li jitellgħu bil-polza, b'dawk ta' sezzjoni C ikunu seeded.
It-timijiet li jinqalgħu min-knock-out (u l-preliminari eventwali), jifformaw parti minn Sezzjoni D. Dawn jilagħbu league, round robin, fejn l-ewwel team jiġi ddikjarat rebbieħ tas-section u promoss għal-Sezzjoni C, flimkien mar-runner-up. Ġie deċiż ukoll li kull team ġdid li jirreġistra, għandu jibda minn sezzjoni D, mingħajr ma jikkompeti f'Round 1 jew fil-preliminari tan-Knock-Out.
It-timijiet li jgħaddu minn Round 1 tan-Knock-Out, jingħaqdu mat-timijiet ta' Sezzjoni A u B (skond kif spiċċaw l-istaġun preċedenti) fil-fażi tal-Gruppi. Dawn it-tmien gruppi jkunu komposti minn team ta' Sezzjoni A (top seed), team ta' Sezzjoni B u żewġ timijiet ta' Sezzjoni C, li jkunu għaddew mill-fażi tan-Knock-Out (tabella 1).
Dawn il-kampjonati huma regolati minn regolament numru 10 tal-Competition Rules tal-Youth FA.
Dan l-istaġun, peress li għadna fil-fażi tar-riforma, il-gruppi ikunu ifformati minn kumbinazzjonijiet differenti ta' *seedings*. Is-seedings ġew imqassma hekk:- Seed 1 (S1): dawk it-timijiet li spiċċaw l-istaġun 2013-14 f'Section A; Seed 2 (S2): dawk iż-żewġ timijiet promossi minn Sezzjoni B; Seed 3 (S3): il-kumplament tat-timijiet f'sezzjoni B, inklużi iż-żewġ timijiet promossi minn sezzjoni C; Seed 4 (S4): il-kumplament tat-timijiet f'sezzjoni C1 u C2 (tabella 2, eżempju).

*Tabella 1*

| Gr. 1 | Gr. 2 | Gr. 3 | Gr. 4 | Gr. 5 | Gr. 6 | Gr. 7 | Gr. 8 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| A | A | A | A | A | A | A | A |
| B | B | B | B | B | B | B | B |
| C | C | C | C | C | C | C | C |
| C | C | C | C | C | C | C | C |

*Tabella 2*

| Gr. 1 | Gr. 2 | Gr. 3 | Gr. 4 | Gr. 5 | Gr. 6 | Gr. 7 | Gr. 8 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| S1 | S1 | S1 | S1 | S1 | S1 | S1 | S1 |
| S2 | S2 | S3 | S3 | S3 | S3 | S3 | S3 |
| S4 | S4 | S4 | S4 | S3 | S3 | S3 | S3 |
| S4 | S4 | S4 | S4 | S4 | S4 | S4 | S4 |

Iż-żewg timijiet promossi l-istaġun ta' qabel għal-Sezzjoni A, ser ikunu f'seed differenti sabiex ma jkunux jistgħu jittellgħu fl-istess grupp u nevitaw li jkollna grupp li teknikament ikollu tliet timijiet minn Sezzjoni A. Il-pożizzjoni tat-timijiet kollha huma determinati mill-polza.

Il-gruppi jintlagħbu fuq round robin, u t-tmien timijiet li jispiċċaw fl-ewwel post tal-grupp rispettiv tagħhom jilagħbu f'Sezzjoni A tal-istaġun preżenti, dawk fit-tieni post f'Sezzjoni B, filwaqt li dawk fit-tielet u r-raba' post jifformaw parti minn Sezzjoni C 1 u C2, komposti minn Gruppi 1 – 4 u 5 – 8, rispettivament. Fl-eventwalità li żewġ timijiet jispiċċaw b'punti indaqs sabiex jiġu stabilliti l-ewwel żewġ pożizzjonijiet ta' kull grupp, dan għandu jkun deċiż b'deċider, fuq leg waħda, skond ir-regolamenti tal-Youth FA. F'każ li jkun hemm iktar minn żewġ timijiet involuti japplika hekk:

(i) Għandu jitqies il-konfront dirett bejn it-timijiet involuti biss

(ii) Differenza ta' goals bejn it-timijiet involuti biss

(iii) Goals skorjati favur it-timijiet involuti biss

(iv) F'każ li ma tkunx solvuta din is-sitwazzjoni wara li jkun ġie applikat dan kollu, il-Kunsill iżomm id-dritt li jieħu deċiżjoni huwa dwar x'għandu jsir.

It-timijiet ta Sezzjoni C1 u C2, jilgaħbu round robin (7 logħbiet) u r-rebbieħ ta' kull sezzjoni jiġi promoss għal Sezzjoni B. L-aħħar team ta' Sezzjoni C1 u C2, jiġi relegat għal Sezzjoni D.

It-timijiet ta' Sezzjoni B, jilgħabu żewġ rounds (14-il logħba) u r-rebbieħ tas-sezzjoni jiġi dikjarat promoss għal Sezzjoni A, flimkien mar-runner-up. L-aħħar żewġ teamijiet ta' Sezzjoni B, jiġu relegati għal Sezzjoni C.

It-timijiet ta' Sezzjoni A, jilagħbu żewġ rounds (14 il-logħba), imbagħad l-ewwel erba' timijiet klassifikati, jilagħbu round robin ieħor bejniethom (3 logħbiet) bit-team li jkollu l-aktar punti jiġi dikjarat rebbieħ tas-section. L-aħħar żewġ timijiet ta' Sezzjoni A, jiġu relegati għal Sezzjoni B. Il-punti mirbuħa fis-sections, jibqgħu jinżammu tul l-istaġun kollu.

It-timijiet li jispiċċaw fl-ewwel żewġ pożizzjonijiet tal-fażi tal-gruppi (Sections A u B), ikunu eleġġibli sabiex jilagħbu fin-Knock-Out Competition, b'dan il-format :-

In-Knock-Out huwa regolat minn regolament numru 10 tal-Competition Rules tal-Youth FA. Il-logħob kollu jintlagħab fuq leg waħda.

Dawn il-formati għandhom jinżammu għal tliet staġuni konsekuttivi, sabiex nevalwaw is-suċċess tagħhom, qabel ma nħarsu lejn riformi oħra, għalkemm jista' jsiru xi aġġustament jekk il-Kunsill jħoss il-ħtieġa.



# Reduction of a sedentary lifestyle is the key







Two very recent top notch studies have strengthened my belief that we have been tackling obesity wrongly. A study from Stanford University suggests the rise in obesity in the US is likely due to increased sedentary lifestyles across the nation, and not eating too many calories. The researchers came to this conclusion after studying data for the last 20 years that shows there has been a sharp decline in levels of leisure time physical activity among Americans - accompanied by an increase in average body mass index (BMI), while calorie consumption has remained practically the same. Prof. Ladabaum, the lead researcher states that "Our findings do not support the popular notion that the increase of obesity in the United States can be attributed primarily to sustained increase over time in the average daily caloric intake of Americans."

These findings complement research from Kansas State University that showed people who spend less time sitting and more time physically active have a lower risk for chronic diseases, including heart disease, diabetes, stroke, breast cancer, colon cancer and others. Even just standing more and sitting less appears to make a difference to health and quality of life. Prof. Richard Rosenkranz says:"Not only do people need to be more physically active by walking or doing moderate-to-vigorous physical activity, but they should also be looking at ways to reduce their sitting time." So in this study the emphasis was not only to exercise per se but rather to reduce sedentary time itself.

Another study tickled my interest, although it was less scientific in nature. Dr. Buckley, an exercise scientist in the University of Chester used a standing desk. He worked out that by standing at a desk for three hours, rather than sitting down, he burns an extra 144 calories daily which translates to approximately 3 kilos of body fat loss a year. Now I am not advocating a standing work desk, although this idea holds some merit, but this study does point that continuous sedentary activity can be limited by simple measures.

These are just a few examples that confirm we must emphasise that lifestyle changes for health must not only include nutritional and exercise advice, but also promote the decrease in sedentary activity. A non sedentary lifestyle is part of human DNA and not subscribing to it is one of the major health disasters of modern society. Let move forward, literally and change our ways and even more so promote change in others.

**Dr Kirill Micallef Stafrace is Vice President of the European Federation of Sports Medicine Associations(EFSMA)**

**sportmedicinedoc@gmail.com**

## Ġimgħa Ewropea tal-Isport mis-sena 2015

# Sejħa Speċifika taħt Erasmus+

Malta-EU Steering & Action Committee



Ir-riżultati ta' stħarriġ Ewrobarometru li ħarġu f'April li għadda kkonfermaw statistika inkwetanti dwar il-parteċipazzjoni f'attività fiżika miċ-ċittadini tal-UE. Dan l Ewrobarometru mhux biss wera li ftit li xejn sar progress f'dan il-qasam, iżda stabbilixxa wkoll li l-persentaġġ ta' dawk li qatt ma jagħmlu eżerċizzju fiżiku jew jippratikkaw xi sport tela' għal 42% minn 39% kif kien erba' snin ilu.

Il-Kummissarju Ewropew għall-Edukazzjoni, Kultura, Multilingwiżmu u Żgħażagħ, Androulla Vassiliou, qalet li hija inkwetata b'din l-istatistika u li, "hemm bżonn ngħaqqdu flimkien l-esperjenzi u l-inizjattivi tagħna biex indawru din is-sitwazzjoni". Vassiliou qalet dan waqt konferenza li saret bħala preparazzjoni għall-Ġimgħa Ewropea tal Isport li għandha tibda tiġi organizzata mis-sena d-dieħla.

Il-Ġimgħa Ewropea tal-Isport hija ħolqa oħra fil-kullana ta' inizjattivi li l-Kummissjoni Ewropea ħadet u qed tieħu, sabiex tinkoraġġixxi ħajja aktar f'saħħitha permezz ta' attività fiżika u parteċipazzjoni fl-isport miċ-ċittadini tal-UE.

Biex waslet għal din l-inizjattiva l-Kummissjoni Ewropea għamlet konsultazzjonijiet wiesa', u ħarset lejn attivitajiet oħra bħalma huma l-*Move Week* u s-*Sentez-Vous Sport*. Ma' dawn, il-Kummissjoni analizzat ukoll il-Preparatory Actions tal-2009 tagħha stess f'dan il-qasam, u evalwat l-isfidi li ltaqgħet magħhom u r-riżultati li ħallew.

L-idea ta' ġurnata jew ġimgħa Ewropea tal-isport oriġinat proprju







minn waħda minn dawn il-Preparatory Actions, u eventwalment ġiet diskussa fil-Parlament Ewropew permezz tar-rapport Fisas. Illum l-idea qiegħda kantuniera bogħod milli ssir realtà.

Il-Ġimgħa Ewropea tal-Isport għandha l-appoġġ tal-Istati Membri u tas-setturi kollha involuti fl-isport - minn federazzjonijiet u assoċjazzjonijiet, sa dawk li huma involuti fl-industrija sportiva. Dawn il-partijiet kollha se jkunu involuti fl-organizzazzjoni ta' din l-attività li għandha tibni fuq dak li diġà jeżisti.

L-għan tal-Ġimgħa Ewropea tal-Isport hu li toħloq koperazzjoni u sinerġiji akbar bejn id-diversi organizzazzjonijiet u entitajiet li llum huma involuti f'inizjattivi sportivi, sabiex dawn jaħdmu flimkien u hekk jingħata valur miżjud lill-attivitajiet li qed jiġu organizzati fil-preżent. Dan għandu jsir taħt l-umbrella tal-UE, li għandu jwassal ukoll biex l-attivitajiet ma jibqgħux marbuta esklussivament ma' dixxiplini sportivi partikolari iżda jinkludu l-promozzjoni tal-attività fiżika u l-benefiċċji marbuta magħha.

L-iskop aħħari tal-Ġimgħa Ewropea tal-Isport huwa li tintlaħaq udjenza akbar u għalhekk l-attivitajiet m'għandomx jikkonċentraw biss fuq dawk li diġà huma attivi fl-isport. L-inizjattivi għandhom ikunu ppjanati b'mod li jilħqu s-setturi kollha tas-soċjetà, inklużi l-anzjani, persuni b'diżabbiltà, u dawk soċjalment żvantaġġati.

Fi kliem il-Kummissarju Ewropew Vassilliou, l-attivitajiet u l-inizjattivi f'din il-kampanja għandhom isiru "fejn ikunu n-nies", u allura l-attivitajiet mistennija jsiru fuq livell Ewropew, nazzjonali u anki lokali. Il-Kummissjoni Ewropea trid li tkun hi li tmur b'dawn l-inizjattivi għand iċ-ċittadini u mhux tistenna li jkunu n-nies li jfittxu l-isport jew l-attività fiżika. Proprju għalhekk li l-Ġimgħa Ewropea tal-Isport mhux se tkun sempliċi kampanja ta' għarfien, iżda se toffri l-opportunità biex kulħadd ikun jista' jipparteċipa u jduq il-benefiċċji li tħalli l-attività fiżika.

L-ewwel Ġimgħa Ewropea tal-Isport se ssir fit-tieni ġimgħa ta' Settembru 2015. L-attività se tiġi varata fi Brussell, u għalkemm l-ewwel edizzjoni aktarx tkun iffokata fuq id-dimensjoni Ewropea, l-edizzjonijiet ta' wara se jkunu aktar mifruxa fuq il-livelli nazzjonali u lokali.

Ma' din l-attività se jkun abbinat ukoll il-programm ta' fondi Erasmus+ li fl-2015 se jkollu sejħa speċifika għall-finanzjament ta' proġetti marbuta mal-Ġimgħa Ewropea tal-Isport. Barra minn hekk, din is-sena se jkun hemm ukoll sejħiet għal proposti ta' inizjattivi transnazzjonali li jiġu implimentati matul il-Ġimgħa Ewropea tal-Isport.

Minbarra l-fondi minn Erasmus+, Il-Kummissjoni Ewropea se tkun qed tgħin l-organizzazzjoni ta' mill-inqas attività waħda nazzjonali f'kull Stat Membru b'għotja ta' €80,000 u b'għajnuna loġistika.

Il-Ġimgħa Ewropea tal-Isport tkun suċċess biss jekk dawk kollha involuti fis-settur jaħdmu u jikkoperaw flimkien sabiex l-attività fiżika u l-isport tassew jaslu għand in-nies. Kampanji ta' għarfien saru u jsiru ħafna, iżda issa wasal iż-żmien għal xi ħaġa konkreta li tilħaq l-aktar udjenza wiesa' possibbli.

Bit-tnedija tal-Ġimgħa Ewropea tal-Isport il-Kummissjoni Ewropea se tkun qed tagħti l-ewwel daqqa tal-ballun. Issa jmiss lill-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet u l-entitajiet sportivi li jilagħbu l-logħba. B'koperazzjoni bejn kulħadd tibda titnaqqar l-istatistika inkwetanti li tindika ħajja xejn b'saħħitha fl-UE.




# Jibda b'suċċess kbir il-programm *Summer on the Move*

**F'nofs dan ix-xahar, ingħata bidu għall-programm tant popolari Summer on the Move organizzat mill-Kunsill Malti għall-Isport. Din hija l-11-il edizzjoni ta' dan il-programm li fih qegħdin jipparteċipaw tfal, żgħażagħ u adulti minn 4 snin 'il fuq. F'dan il-programm qed jagħtu s-servizz tagħhom madwar 250 kowċ speċjalizzati li jieħdu ħsieb li jagħtu l-attenzjoni meħtieġa lil kull parteċipant. L-għan prinċipali ta' dan il-programm hu li l-parteċipanti jitħarrġu u jgħixu ħajja aktar sana.**



It-tfal u ż-żgħażagħ għandhom ħafna x'jibbenefikaw minn dawn il-programmi għaliex huwa fatt magħruf li dawk it-tfal u żgħażagħ li jkunu impenjati f'dixxiplini sportivi joqogħdu 'l bogħod mill-vizzji u jgħixu ħajja aktar sana. Il-prezzijiet ssussidjati li joffri programm bħal *Summer on the Move* jagħmlu dan il-programm aċċessibbli għal kullħadd. Barra minn hekk, *Summer on the Move* għandu jkun l-ewwel pass biex il-parteċipanti jduqu l-attività sportiva u eventwalment jagħmluha parti integrali minn ħajjithom.

Il-programm qed ikun offrut fil-kumplessi sportivi tal-KMS proprju f'dawk tal-Kottonera, Kirkop u Tal-Qroqq, kif ukoll fl-iskejjel tal-Mosta u tas-Siġġiewi. Huma diversi d-dixxiplini sportivi offruti f'dan il-programm, fejn jibqgħu l-iżjed popolari l-għawm, il-ġinnastika, il-basketball u l-futbol. Bħalissa hemm 'il fuq minn 3000 parteċipant għal din l-edizzjoni, u n-numri huma mistennija li jkomplu jikbru.

Il-programm *Summer on the Move* huwa mfassal b'tali mod biex dawk il-ġenituri li jwasslu lit-tfal fid-diversi ċentri, ikunu jistgħu jipparteċipaw f'attività sportiva iddisinjati apposta għalihom.
Din is-sena ġew ukoll riveduti l-prezzijiet biex dejjem ikunu vantaġġuzi speċjalment għal dawk li jridu jużaw is-servizz il-ġimgħa kollha. Il-programm jibqa' sejjer sal-5 ta' Settembru, 2014.

# Bowling b'xejn: Waħda mill-inizjattivi biex titnaqqas l-obeżità fit-tfal







Fl-1 ta' Lulju, fl-Eden Superbowl bdiet l-inizjattiva ta' logħob tal-bowling b'xejn fis-Sajf. Din l-inizjattiva hija miftuħa għat-tfal bejn il-5 u s-16-il sena li jistgħu jilagħbu żewġ logħbiet b'xejn kuljum, ħamest ijiem fil-ġimgħa, tul il-ġranet tas-sajf sa Settembru. Waqt li jkunu qed jilagħbu, it-tfal ser ikunu jistgħu jagħżlu li jieħdu ikel san offrut fuq is-sit.

Eden Leisure Group ħarġu b'din l-inizjattiva li tant intlaqgħet tajjeb li sa minn meta tnediet applikaw għaliha ftit aktar minn 2,000 persuna. Kuljum madwar 250 tifel u tifla qed jieħdu din l-offerta u jgawdu l-isport tal-bowling assistiti minn kowċis ta' esperjenza biex jifhmu r-regoli bażiċi ta' dan l-isport.

L-għan ewlieni tagħha huwa li titnaqqas l-obeżità fit-tfal. L-istatistika tkompli tikkonferma li l-obeżità hija pjaga fil-Gżejjer Maltin. Studji riċenti juru li t-tfal Maltin ta' 10 snin huma it-tieni l-eħxen fl-Ewropa.

L-inizjattiva intlaqgħet tajjeb ferm mis-Segretarjat Parlamentari għar-Riċerka, l-Innovazzjoni, iż-Żgħażagħ u l-Isport flimkien mad-Dipartiment tal-promozzjoni tas-saħħa li taw appoġġ lill-azjenda.

L-Onorevoli Chris Agius kellu kliem favorevoli għal din l-inizjattiva li tkompli ssaħħaħ il-ħidma li qed jagħmel il-Gvern kontra l-obeżità. Fil-fatt, bosta entitajiet governattivi qed jaħdmu flimkien biex joħolqu inizjattivi ta' din ix-xorta u flimkien nippromwovu ħajja sana. L-Onorevoli Agius saħaq fuq l-importanza li l-Gvern jingħaqad ma' entitajiet privati u joħloq inizjattivi ta' din ix-xorta. Għall-Onorevoli Agius, din l-inizjattiva għandha għan doppju hekk kif mhux biss qed tiġi miġġielda l-obeżità imma qed jiġu mħajra aktar tfal jersqu lejn il-logħba tal-bowling.

Charmaine Gauci, f'isem il-Health Promotion Unit, saħqet li din l-inizjattiva hija investiment biex intejbu l-mod ta' kif wieħed jiekol u l-attività fiżika fl-istess ħin. Hija wkoll opportunità biex it-tfal, fix-xhur tas-sajf, jiċċaqalqu minflok jużaw ħinhom biex jaraw it-televiżjoni jew jilagħbu bil-kompjuter.

Eden Leisure Group kienu sodisfatti ferm bir-rispons u qed jaħsbu biex jorganizzaw attivitajiet oħra li bihom ikunu qed jagħtu lura u jgħinu lill-komunità Maltija.



# Il-Maratona tal-volleyball b'risq id-Dar tal-Providenza

Is-skiet li ssoltu jsaltan fid-Dar tal-Providenza inkiser bi ħsejjes differenti, nhar l-4 u 6 ta' Lulju, għaliex kien għaddej il-logħob tas-sitt edizzjoni tal-maratona tal-*volleyball* li ssir ta' kull sena b'risq id-Dar tal-Providenza. L-għan ta' din il-maratona huwa li jinġabru fondi għad-Dar tal-Providenza. Filfatt din is-sena, anke jekk ħafna kienu mitlufa fuq it-Tazza tad-Dinja, inġabret is-somma rekord ta' €476,228.

F'din il-maratona, ħadu sehem 40 plejer li kienu ġejjin minn oqsma diversi tal-ħajja, minn studenti sa ħaddiema ta' etajiet differenti. Il-maratona dejjem tkun imżewqa bi plejers li ilhom jipparteċipaw għal diversi snin u oħrajn li għalihom din kienet l-ewwel esperjenza. Minbarra hekk uħud mill-parteċipanti jilagħbu fuq bażi regolari ma' xi klabb filwaqt li oħrajn jieħdu dan l-isport bħala passatemp. F'din il-maratona, li kienet twila 53 siegħa, ħadu sehem xejn inqas minn 300 voluntier.

It-taħriġ għall-maratona beda seba' ġimgħat qabel (il-maratona) u kien jikkonsisti fi tliet sessjonijiet ta' taħriġ fil-ġimgħa, b'kull sessjoni tkun twila tliet sigħat. Madanakollu, il-fulkru tat-taħriġ ikun l-24 siegħa *mini-maratona* li ssir ġimagħtejn qabel fejn għal 24 siegħa l-plejers jitħarrġu u jduqu ftit minn dak li jkunu ser jgħaddu minnu fil-maratona proprja, fosthom l-għejja u s-sħana tax-xemx.

Is-Segretarju Parlamentari għar-Riċerka, l-Innovazzjoni, iż-Żgħażagħ u l-Isport, Chris Agius, żar kemm it-taħriġ speċjalizzat li sar ġimagħtejn qabel u anke sab ħin biex ikun preżenti waqt il-maratona nnifisha sabiex jagħti sostenn anke morali lill-parteċipanti u lill-organizzaturi. Waqt iż-żjarat tiegħu, aċċenna għas-sodisfazzjon li jagħtik il-volontarjat u l-importanza li kulħadd speċjalment iż-żgħażagħ jużaw il-ħin liberu tagħhom biex jgħinu nies fil-bżonn.

Waqt iż-żjarat tiegħu, is-Segretarju Parlamentari kien milqugħ minn Fr Martin Micallef u ħaddiema oħra tad-Dar tal-Providenza u magħhom iddiskuta l-irwol importanti li djar bħal din għandhom fis-soċjetà Maltija.

# Il-proġett Kottonera United kien suċċess




"L-idea ta' tliet nurseries jingħaqdu biex ikollna nursery waħda: Cottonera United, kienet intlaqgħet b'xettiċiżmu imma issa qed tagħti l-frott mixtieq għaliex qed tilħaq firxa akbar ta' tfal u r-riżorsi mhux qed jintilfu."

Dan qalu s-Segretarju Parlamentari, Chris Agius, waqt konferenza tal-aħbarijiet li saret fl-Isla. Huwa qal li l-idea kienet ilha tberren fost bosta mħuħ għal diversi xhur. Madanakollu l-amalgamazzjoni saret biss wara studju li sar minn dak li llum huwa l-President tan-Nursery Stephen Spiteri, li sab li anke minħabba d-demografija tal-bliet tal-kottonera, it-tliet nurseries maż-żmien kien ikoll hom jagħlqu għaliex ma kienx ser ikun hemm tfal biżżejjed biex joperaw.

Il-president, Stephen Spiteri, tkellem dwar dak li ntlaħaq mill-Cottonera YN sa issa, fejn semma' fost l-oħrajn it-telfa minima li sofra it-team ta' Taħt is-17-il sena fin-Knock-Out kontra Hamrun Spartans. Fl-għeluq tal-indirizz tiegħu, is-Sur Spiteri ippreżenta plakka kommemorattiva lill-Onorevoli Agius biex jirringrazzjah ta' dak kollu li għamel għan-nursery fis-snin li għaddew.

Il-konferenza stampa kienet indirizzata wkoll minn Tyrone Ellul, tal-kumpanija Grech and Ellul, li huma r-rappreżentanti ta' Castrol Oil, f'Malta. Castrol oil kienu sponsors ewlenin fit-Tazza tad-Dinja tal-Brażil u għaldaqstant kien bix-xieraq li Castrol Oil Malta tibqa' fit-tema u ppreżenta ammont ta' blalen u għotja finanzjarja lill-president Stephen Spiteri. Ellul qal li għalkemm il-kumpanija ma' toperax mit-tlitt ibliet, id-deċiżjoni waqgħet fuq il-Kottonera għaliex wieħed mid-diretturi tal-kumpanija, Godwin Grech, għamel żmien jilgħab ma' timijiet fil-Kottonera.



# Malta b'kontinġent għal-logħob tal-FISEC 2014, fi Vjenna



Iċ-chairman tal-Kunsill Malti għall-iSport, l-Onorevoli Dr Luciano Busuttil, iltaqa' mal-atleti tal-FISEC qabel telqu minn Malta. Huwa qal li l-gvern, permezz tal-Kunsill Malti għall-iSport, huwa dejjem lest li jgħin lill-atleti Maltin fil-parteċipazzjoni internazzjonali tagħhom.

Malta kienet irappreżentata minn numru ta' atleti li pparteċipaw fl-għawm u l-atletika.

Matul il-laqgħa li kienet saret qabel telqu l-atleti minn Malta, iċ-chairman tal-Kunsill Malti tal-FISEC, Bro Martin Borg fsc, tenna li bħas-snin li għaddew dan il-Logħob iservi bħala l-ewwel tarġa jew esperjenza internazzjonali għal numru sabiħ ta' tfal sportivi Maltin. Huwa rringrazzja lill-ġenituri u lill-uffiċjali tal-assoċjazzjonijiet sportivi Maltin tal-appoġġ kontinwu tagħhom fl-għażla u fil-preparazzjoni tal-atleti. Huwa qal li l-parteċipazzjoni f'dawn il-logħob ma tkunx possibbli mingħajr l-għajnuna diretta u finanzjarja tal-Kunsill Malti għall-Isport.

L-edizzjoni għas-sena 2014 tal-Logħob tal-FISEC saru dan ix-xahar fil-belt kapitali Awstrijaka, Vjenna. Il-logħob sar bejn id- 9 u l-14 ta' Lulju.

# Tislima lil Teddie Borg



Il-kamp sportiv lokali tilef personaġġ magħruf sew li, bil-ħidma u d-dedikazzjoni tiegħu tul diversi snin, serva ta' mudell u awtorità għad-dilettanti kollha Maltin.

Teddie Borg kien attiv f'diversi dixxiplini, fosthom il-futbol u t-tlielaq tal-muturi, u jibqa' magħruf l-aktar għall-kontribut kbir tiegħu fil-qasam tal-ibburdjar. Taħt id-direzzjoni tiegħu, Malta rat dan l-isport jikber fil-popolarità fejn anke organizza diversi tlielaq prestiġjużi ta' livell internazzjonali.

Teddie Borg kien inħatar membru tal-bord tal-Kunsill Malti għall-Isport f'Marzu, 2013, fejn ta kontribut qawwi fl-organizzazzjoni ta' dawn l-aħħar edizzjonijiet tar-Regatta.

Matul il-karriera sportiva tiegħu, Teddie Borg kien xprun biex mexxa 'l quddiem it-talent Malti u rrappreżenta lil pajjiżna f'diversi okkażjonijiet. Fil-fatt huwa kien il-persuna li, bl-appoġġ tal-Power Boat PI, waqqaf il-Federazzjoni Maltija tal-Powerboats.

Teddie Borg kien ġurnalist attiv, mhux biss kien pijunier ta' programmi sportivi iżda wkoll kontributur fuq diversi gazzetti lokali.

Is-Segretarjat Parlamentari għar-Riċerka, l-Innovazzjoni, iż-Żgħażagħ u l-Isport, flimkien maċ-chairman, il-bord tad-diretturi u l-impjegati tal-Kunsill Malti għall-Isport, iwasslu l-kondoljanzi tagħhom għat-telfa ta' Teddie Borg.



minn **Willie Vassallo**



# Neptunes Grimaldi leaders assoluti



Marsaskala v Marsaxlokk



Neptunes v San Ġiljan



Sirens v Neptunes




Matul dan ix-xahar bdiet it-tieni fażi tal-Kampjonat tal-BOV waterpolo tas-sajf hekk kif it-timijiet ġew maqsuma fil-Kampjonat Premier u fil-Kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni.

Fil-Kampjonat Premier, San Giljan Allcare bdew b' 6 punti, Neptunes Grimaldi u Sliema Frank Salt b'4 punti, Sirens Ritter Sport bi 3 punti u Valletta McDonalds u Exiles Ferretti ma kellhom l-ebda punt.

Fil-Kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni kienu Otters Nivea bi 3 punti, Marsaskala Mor€ u Ta' Xbiex Amigos bdew b'punt filwaqt li Marsaxlokk Fischer bdew mingħajr l-ebda punt.

**Kampjonat Premier**

*San Giljan Allcare............ 15*
*Valletta McDonalds.......... 13*
(5-4, 5-2, 2-3, 3-4)
Referis: P. Balzan, D. McKerr

*Neptunes Grimaldi........... 18*
*Exiles Ferretti.................. 11*
(5-2, 5-1, 4-4, 4-4)
Referis: P. Balzan, D. McKerr

*Sliema Frank Salt............ 11*
*Sirens Ritter Sports......... 12*
(3-2, 3-3, 2-5, 3-2)
Referis: M. Angileri, S. O'Brien

*Exiles Ferretti..................... 9*
*Valletta McDonalds........... 9*
(2-4, 1-1, 3-2, 3-2)
Referis: M. Dalli, L. Castagnola

*Sirens Ritter Sport .......... 10*
*Neptunes Grimaldi.......... 17*
(4-7, 2-2, 3-5, 1-3)
Referis: M. Angileri, A. Sgarra

*San Giljan Allcare.............. 9*
*Sliema Frank Salt............ 10*
(2-1, 2-3, 3-3, 2-3)
Referis: P. Balzan,
L. Castagnola

*Sliema Frank Salt............ 11*
*Exiles Ferretti.................. 11*
(3-3, 3-3, 3-2, 2-3)
Referis: M. Dalli, M. Piano

*Valletta McDonalds.......... 13*
*Sirens Ritter Sport........... 10*
(3-3, 3-0, 4-6, 3-1)
Referis: A. DeRaffaele,
F. Brasiliano

*Neptunes Grimaldi.......... 11*
*San Giljan Allcare.............. 8*
(2-2, 3-0, 4-3, 2-3)
Referis: M. Angileri, M. Piano

*Valletta McDonalds............ 5*
*Neptunes Grimaldi.......... 11*
(4-2, 0-3, 1-3, 0-3)
Referis: M. Dalli, S. Scollo

*Sirens Ritter Sport........... 10*
*Sliema Frank Salt............. 11*
(1-2, 2-3, 3-4, 2-4)
Referis: M. Angileri, F. Tempesta

*Exiles Ferretti .................... 6*
*San Giljan Allcare ........... 18*
(2-3, 0-4,1-6, 3-5)
Referis: A. DeRaffaele, S. Scollo

**Klassifika**

| | L | R | D | OT | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Neptunes | 6 | 5 | 1 | 0 | 89 | 59 | 16 |
| San Giljan | 6 | 4 | 0 | 2 | 73 | 50 | 12 |
| Sliema | 6 | 3 | 2 | 1 | 68 | 64 | 11 |
| Sirens | 6 | 2 | 0 | 4 | 63 | 73 | 6 |
| Valletta | 6 | 1 | 1 | 4 | 57 | 74 | 4 |
| Exiles | 6 | 0 | 2 | 4 | 47 | 79 | 2 |

**Kampjonat I Diviżjoni**

*Marsaxlokk Fischer........... 8*
*Marsaskala MorĐ............. 12*
(2-0, 3-4, 0-4, 3-4)
Referis: R. Spiteri, S. O'Brien

*Ta Xbiex Amigos................ 9*
*Otters Nivea ..................... 11*
(1-2, 4-3, 2-2, 2-4)
Referis: S. Licari, S. O'Brien

*Ta Xbiex Amigos................ 7*
*Marsaxlokk Fischer......... 10*
(2-2, 4-2, 0-4, 1-2)
Referis: A. DeRaffaele, A. Sgarra

*Marsaskala MorĐ............. 10*
*Otters Nivea ..................... 10*
(3-2, 3-2, 3-3, 1-3)
Referis: P. Giordano, L. Castagnola

*Marsaskala MorĐ............... 7*
*Ta Xbiex Amigos................ 6*
(1-2, 2-1, 2-2, 2-1)
Referis: R. Spiteri, F. Brasiliano

*Otters Nivea ....................... 6*
*Marsaxlokk Fischer........... 6*
(1-2, 4-0, 1-3, 0-1)

**Kampjonat 1 Div.**

| | L | R | D | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marsaskala | 4 | 2 | 2 | 0 | 41 | 36 | 8 |
| Otters | 4 | 2 | 2 | 0 | 41 | 38 | 8 |
| Marsaxlokk | 4 | 1 | 1 | 2 | 37 | 39 | 3 |
| Ta' Xbiex | 4 | 0 | 1 | 3 | 34 | 40 | 1 |

**Knock-Out: Neptunes Grimaldi v Sliema Frank Salt RE fil-final**

Fin-Knock-Out saru wkoll magħrufa l-finalisti taż-żewġ Kampjonat hekk kif dik tal-Premier se tkun ikkontestata bejn Neptunes Grimaldi u Sliema Frank Salt Real Estate u dik tal-Ewwel Diviżjoni se tintlagħab bejn Marsaskala Mor€ u Otters Nivea.

**BOV K.O. – Premier**
**Kwarti Finali**

*Exiles Ferretti ..................... 5*
*Sliema Frank Salt ............ 18*
(2-3, 0-3, 1-6, 2-6)
Referis: A. DeRaffaele, G. Centineo

*San Giljan Allcare ........... 11*
*Neptunes Grimaldi........... 14*
(3-3, 3-2, 2-4, 3-5)
Referis: M. Dalli, G. Centineo

***Semi Finali***

*Sliema Frank Salt............. 16*
*Valletta McDonalds.......... 12*
(4-3, 5-3, 3-2, 4-4)
Referis: M. Dalli, G. Del Bosco

*Neptunes Grimaldi........... 10*
*Sirens Ritter Sport............. 9*
(1-2, 4-2, 2-1, 3-4)
Referis: M. Angileri, G. Del Bosco

***BOV K.O. – I Diviżjoni***
***Semi Final***

*Marsaskala Mor€............. 13*
*Marsaxlokk Fischer......... 12*
Referis: R. Spiteri, G. Lo Dico
(6-3, 4-4, 2-2, 1-3)

*Otters Nivea ..................... 12*
*Ta' Xbiex Amigos ............ 11*
Wara l-ħin barrani
(4-3, 4-3, 2-3, 0-2) – (2-1, 0-0)
Referis: R. Spiteri, G. Lo Dico

## Rugby

# Sevens Tournament f'Għawdex

Nhar is-Sibt 24 ta' Mejju, 2014, reġa' kien organizzat Sevens Tournament tar-Rugby. Dan it-tournament tar-Rugby Sevens sar għat tieni sena konsekuttiva fil-Gozo Stadium. Seba' timijiet ħadu sehem li ġew maqsuma f'żewġ gruppi, bit-timijiet fil-fażi finali jilagħbu skond kif ikklassifikaw kontra t-team tal-grupp l-ieħor. B'seba' players fuq il-pitch, wieħed seta' jsib iktar spazju. Mingħajr is-soliti lasti li l-logħba tar-Rugby tirrekjedi, il-punti setgħu jsiru biss bi tries.



Azzjoni mil-logħba Overseas RUFC v Falcons RFC

Fl-ewwel partita ta' Grupp A, Falcons kisbu rebħa faċli ta' 8-0 kontra l-Gladiators. It-tries tagħhom għamluhom tnejn kull wieħed Sean Clack u Ryan Borg u waħda kull wieħed Mark Mifsud Tomasi, Fabian Sacco, Benji Borg u Dylan Frendo. Fit-tieni logħba Sliema Stompers RFC kisbu rebħa stretta ta' 3-2 kontra Gozo Bulls RC. It-tries ta' Stompers saru minn Luke Debattista, Julian Caruana u Nicky Maylor, mentri ż-żewġ tries tal-Għawdxin saru minn Glenn Camilleri u Clifford Debattista. Ftit wara l-Għawdxin reġgħu sofrew telfa marġinali meta sfaw issuperati bl-iskor ta' 4-3 minnGladiators RFC. It-tries li taw ir-rebħa lit-team Għargħuri saru tlieta minn Robin Cutajar u t-try l-oħra minn Matthias Camaretta.

Falcons RFC kisbu rebħa kbira ta' 11-0 kontra Sliema Stompers RFC. It-tries tagħhom saru tlieta minn Ryan Borg u tnejn kull wieħed minn Sean Clarke, Fabian Sacco u Andrea Galea. Iż-żagħżugħ Aaron Borg u Dylan Frendo għamlu try kull wieħed. Warajhom Gladiators RFC u Sliema Stompers RFC offrew partita mill-iktar interessanti meta spiċċaw fi draw ta' 5-5. Għal Gladiators skorjaw Gabriel Rizzo, Marc Hooley, Thomas Triganza u doppjetta ta' Robin



Cutajar, mentri t-tries ta' Stompers saru minn trippletta minn Julian Caruana u doppjetta ta' Nicky Maylor.

Fl-aħħar logħba tal-grupp Falcons RFC kisbu t-tielet rebħa infila tagħhom biex spiċċaw fuq quddiem b'punti massimi meta għelbu lil Gozo Bulls RC bl-iskor ta' 5-1. It-tries tagħhom saru minn doppjetti ta' Mark Mifsud Tomasi u Aaron Borg, b'Andrea Galea jiskorja t-try l-oħra. It-try tal-Għawdxin saret minn Mark Portelli.

Fi Grupp B Overseas RUFC bdew b'rebħa tajba ta' 6-4 kontra Kavallieri RFC. Huma rebħu bi tries kull wieħed ta' Anthony Harvey, Danny Groves, Rodrick Borg u Anthony Julve, mentri Vince Stivala kiseb doppjetta.

Fit-tieni partita l-istess Overseas RUFC għamlu għaxar tries mingħajr risposta kontra Attard Saracens RFC biex spiċċaw f'ras il-grupp b'punti massimi. It-tries tagħhom saru tnejn kull wieħed minn Vince Stivala, Chris Borg u Anthony Julve, mentri George Mupimhidza, Roderick Borg u Jeremy Dela għamlu try kull wieħed. Fl-aħħar logħba tal-grupp Kavallieri RFC għelbu lil Attard Saracens RFC bl-iskor kbir ta' 9-0.

Fil-finali għal 5/6 post Sliema Stompers RFC għelbu lit-team amalgamat ta' Saracens RFC/Gozo Bulls RC bl-iskor ta' 7-2. Għal Stompers din kienet l-ewwel rebħa tagħhom. Fil-finali għat-3/4 post Kavallieri RFC rebħu 5-1 lil Gladiators RFC.

Fil-finali għar-rebħ ta' dan it-turnament Overseas RUFC ħarġu fuq l-offensiva fejn kisbu vantaġġ ta' żewġ tries kontra Falcons RFC, b'dawn tal-aħħar iwettqu rimonta fejn għamlu l-punteġġ indaqs. Madankollu reġgħu kienu Overseas li marru minn fuq biex ftit qabel intemmet il-logħba, Falcons kisbu d-draw biex sforżaw il-ħin barrani. It-tliet tries tagħhom saru minn Vince Stivala, Anthony Harvey u Anthony Julve, bil-Falcons jirrispondu permezz ta' doppjetta ta' Ryan Borg u t-try l-oħra minn Sean Clark. Madankollu kien Vince Stivala li għamel il-golden try fil-ħin barrani ta' din il-finali biex ta rebħa meritata minkejja li din kienet waħda stretta għat-tim tiegħu ta' Overseas RUFC. Il-logħob kollu ta' dan is-Seven Series kien ikkontrollat mir-referees Don Hewer, Sam Ramage u Andrew Camilleri.

Wara din il-finali saru l-premjazzjonijiet mill-President tal-Malta Rugby Football Union Brian Dalton. Hawn ukoll l-istess uffiċjali tal-Malta Rugby Union esprimew ir-radd ta' ħajr tagħhom lil Gozo Bulls Rugby Club li organizzaw dan l-avveniment sportiv f'atmosfera sabiħa, kif ukoll lil Gozo Football Association għall-użu tal-faċilitajiet sportivi tal-Gozo Stadium.

Fl-iStage Rankings f'dan il-Gozo Sevens spiċċaw l-ewwel Overseas RUFC, segwiti b'din l-ordni minn Falcons RFC, Kavallieri RFC, Gladiators RFC, Sliema Stompers RFC, Saracens RFC u Gozo Bulls RC. Dan it-tournament reġa' sar f'Għawdex bl-iskop li iktar Għawdxin isiru iktar konxji mal-logħba tar-Rugby.

minn Vincent Pisani

## Pool - Kampjonat tad-Dinja - Blackpool - 2014

# Stajna morna aħjar minkejja riżultati sodisfaċenti

Matul dan ix-xahar saru l-Kampjonati tad-Dinja tal-Pool, fi Blackpool, l-Inigilterra, fejn Malta ħadet sehem f'erba' kategorija - Irġiel, Taħt il-21 sena, Taħt il-18 sena u 'l fuq minn 50 sena. Minkejja li nkisbu riżultat sodisfaċenti ... stajna morna aħjar ...



Tonio Mifsud, Alfred Attard u Marcel Micallef - jifformaw it-team tal-Over 50

### Men's Team Championship

It-team nazzjonali Malti magħżul mil-Malta Pool Association tilef 11-6 fil-playoffs kontra l-Irlanda wara li spiċċa fir-raba' post fil-fażi tar-round robin fejn il-Maltin rebħu seba' logħbiet u tilfu erbgħa. Ir-rebħiet tat-team Malti waslu kontra Reunion Island 14-7, Irlanda ta' Fuq 11-10, Irlanda 11-10 wkoll, Marokk 14-7, Australia 11-10, Franza 12-9 u Wales 11-10.

Tnax-il pajjiż ħadu sehem f'dan il-kampjonat li ntrebaħ mill-Marokk li ironikament Malta rebħulhom 14-7 fil-Fażi tal-Gruppi. Il-player Malti, Stephen Mangion, spiċċa bħala l-aktar player li rebaħ frames f'dan il-Kampjonat flimkien ma' żewġ players oħra meta rebaħ mhux anqas minn 24 frame minn total ta' 33 frame li lagħab.

Fil-Kampjonat Individwali, Kevin Mercieca kien l-uniku player Malti li wasal mal-aħħar 32 fejn tilef 8-7 kontra l-Ingliż Adam Davies.

### Under 21 Championship

Fil-fażi tar-round robin, Malta spiċċat fid-disa' post tal-klassifika minn total ta' 12-il nazzjon parteċipanti. Dan kien riżultat xejn feliċi meta wieħed iqis li Malta kienet rebħet dan il-Kampjonat tad-Dinja, fl-2011. Malta kisbet tliet rebħiet biss u tilfet tmien logħbiet.

Fil Kampjonat Individwali kellna żewġ players Maltin li wasslu mal-Aħħar 16. Dawn kienu Dylan Cassar li tilef 6-1 kontra l-Ingliż Phil Marriott u Clint Zammit li tilef 6-4 kontra Zak Sheperd ta' Wales. F'dan il-Kampjonat ħadu sehem 48 player.

### Under 18 Championship

It-team nazzjonali ta' Taħt it-18-il sena rnexxielu jasal sas-semi-finali fejn tilef 13-10 kontra l-Ingilterra. Fil-fazi tal-Gruppi, il-Maltin spiċċaw fit-tielet post minn total ta' sitt pajjiżi parteċipanti. L-aħjar players Maltin kienu Ryan Pisani u Scott Muscat li rebħu 33 frame kull wieħed minn total ta' 50.

Fil-kampjonat Individwali tal-istess età, l-aktar player Malti li spikka kien Scott Muscat li rnexxielu jasal sal-kwarti-finali fejn tilef 7-6 kontra Cole Bedford ta' Wales. F'dan il-Kampjonat ħadu sehem 64 player.

### Senior Championship

It-team nazzjonali Malti tas-Seniors (Over 50's) kiseb riżultati sodisfaċenti hekk kif fil-fażi tar-round robin, il-Maltin spiċċaw fit-tielet post minn total ta' 14-il pajjiż li ħadu sehem. It-team Malti li kien kompost minn Tonio Mifsud, Marcel Micallef u Alfred Attard, kiseb 11-il-rebħa u tilef tnejn biex b'hekk kiseb post fis-semi-finali fejn rebħu 5-1 kontra l-Awstralja. Malta tilfet 5-1 kontra l-Ingilterra fil-finali.

Fl-Kampjonat Individwali, Marcel Micallef wasal sas-semi-finali fejn tilef 7-3 kontra l-player Ingliż, Keith Brewer, filwaqt li Tonio Mifsud irnexxielu jasal sal-kwarti-finali fejn tilef kontra l-istess Keith Brewer 7-3. B'kollox ħadu sehem 55 player.

Nota: Ir-rapport dwar il-Kampjonat tal-Masters jidher fil-ħarġa li jmiss.

## Players li ħadu sehem fil-European U/17 Snooker Open f'Malta

# Serje Nru.2
# Scott Donaldson - Skozja



Wara li fl-aħħar edizzjoni bdejna b'dawn is-serje ta' players li pparteċipaw fil-European U/17 Snooker Open bejn, l-2007 u l-2014, f'din l-edizjoni jmiss li nagħtu ħarsa lejn is-suċċessi li kiseb player ieħor ta' fama mondjali, l-Iskoċċiż, Scott Donaldson.

Donaldson ħa sehem fil-European U/17, fl-2010, fejn irnexxielu jispiċċa fit-Tielet Post. Fil-Fażi tal-Gruppi, Donaldson kien għeleb lil Keith Kinnersley tal-Ingilterra 3-0, lill-player Malti Chris Peplow 3-0 ukoll, Anton Anderson ta' Svezja 3-1 filwaqt li tilef il-logħba kontra Ruberg Shachar tal-Iżrael 3-2.

Huwa kkwalifika għall-kwarti-finali fejn rebaħ lil Michael Leslie 4-1. Fis-semi-finali kien tilef kontra Sam Harvey 1-4 biex fil-logħba għat-Tielet Post, Scott Donaldson għeleb lill-Ingliż Zak Barton 3-2.

Scott Donaldson sar player professjonali, fl 2012, meta rebaħ il-European Snooker Championship fl-istess sena. F'dawn is-sentejn, Donaldson irnexxielu jirbaħ logħbiet kontra ħafna players professjonali oħra fosthom lil Jimmy White 5-4 u Andrew Higinsson 4-3.

Profil:
*Twieled*: 19 ta'Marzu 1994 f'Perth, Skozja
*L-ogħla break*: 137
*World Ranking fl-aħħar sentejn*: 65 post
*World Ranking fl-aħħar sena*: 77 post
*Dħul totali (l-aħħar sentejn)*: £45,482

**World Snooker - Yixing Open - China**

## Tony Drago jikseb żewġ rebħiet iżda eliminat fl-Aħħar 32

Tony Drago irnexxielu jirbaħ żewġ logħbiet fit-tieni u fit-tielet round tal-Yixing Open, fiċ-Cina biex wara safa eliminati mill-Aħħar 32 kontra Ding Junhui.

Fl-ewwel logħba tiegħu Drago sabha faċli biex jelgħeb lil Duan Yangfeng taċ-Ċina 4-0 (77-19, 89[59]-25, 87[74]-16 u 74-39).

Fir-round sussegwenti, huwa ltaqa' kontra player Ċiniż ieħor Fang Xiong Man fejn din id-darba Tony Drago, wara li tilef l-ewwel frame fuq is-sewda, irkupra tajjeb biex rebaħ 4-1 (55-57, 75-47, 65-17, 94[72]-27 u 62-24).

Imbagħad, Drago tilef fl-Aħħar 32 kontra t-tieni l-aqwa player fid-dinja Ding Junhui 4-1 (7-67, 29-94[58], 67-37, 42-90[90] u fl-aħħar frame tilef fuq is-sewda 52-65[50].

Junhui finalment rebaħ it-titlu tal-Yixing Open u s-somma £10,000. B'dawn ir-riżultati Drago kiseb 560 punt ieħor u s-somma ta' £600.

**World Snooker - Australian Open - 2014**

## Alex Borg jitlef kontra Shane Castle

Alex Borg inqala' fl-ewwel round ta' kwalifikazjoni tal-Australian Open meta tilef 5-3 kontra l-player żagħżugħ Ingliż Shane Castle. Il-frame scores ta' din il-logħba kienu hekk (Borg l-ewwel) 64-16, 52-61, 80[72]-6, 58-66[55], 38-61, 81[81]-41, 55-61 u 12-100. Kif juri l-iskor, Borg kien verament żvinturat li tilef tlieta mill-frames fuq is-sewda.

Judd Trump rebaħ din l-Australian Open u premju ta' $75,000 meta fil-final għeleb lill-player Awstraljan Neil Robertson 8-4.

**World Snooker Team Championship - 2014**

## Malta megħluba fl-Aħħar 16

It-team Malti, magħmul minn Alex Borg u Duncan Bezzina, gie eliminat fir-round tal-Ahhar 16 fejn tilfu 3-2 kontra Hong Kong. Fil-Fażi tal-Gruppi, Malta rebħet il-ħames logħbiet kollha biex spiċċat fl-ewwel post tal-grupp.

B'hekk it-team Malti kkwalifika għall Fazi Finali, fejn fl-Aħħar 32, il-Maltin rebħu l-logħba tagħhom kontra t-tieni team ta' Hong Kong 3-0.

F'dan il-Kampjonat Mondjali hadu sehem 28 nazzjon li ħafna minnhom kellhom aktar minn team wieħed. L-ogħla breaks ta' Borg kienu ta' 75, 61 u 59 filwaqt li l-ogħla breaks ta' Bezzina kienu ta 62, 52 u 50.

Sadanittant, fl-aħħar ranking list maħruġa mill-World Snooker, Alex Borg jinsab fl-84 post filwaqt li Tony Drago jinsab fis-97 post.

# Deheb u Fidda għat-timijiet Maltin fil-Kampjonati FIBA ta' Taħt is-16-il sena


Iż-żewġ timijiet tas-Subien u tat-Tfajliet tal-Under 16 wara t-tournament


L-iskwadra tat-Tfajliet tal-Under 16


L-iskwadra tas-Subien tal-Under 16

Nhar is-Sibt, li għadda, niżel is-siparju fuq Grupp C tal-Kampjonati FIBA ta' Taħt is-16-il sena li saru f'Malta. Kompetizzjoni li rat lit-timijiet Maltin jibbrillaw. Fil-fatt it-team tas-subien rebaħ il-midalja tad-deheb filwaqt li dak tat-tfajliet rebaħ dik tal-fidda.

It-team tas-subien, taħt it-tmexxija ta' Gabriele Alesse, rebaħ il-ħames logħbiet li lagħab. Fil-fatt fetaħ il-kompetizzjoni b'rebħa fuq Andorra 63-61 u wara għeleb lil Wales 65-46. Malta rreġistrat it-tielet rebħa li kienet waħda minima fuq San Marino u kellu jkun Alec Felice Pace li jiskorja meta kien għad fadal sekondi biex tispiċċa l-logħba. Imbagħad, Malta għelbet lill-Ġibiltà mingħajr wisq diffikultà 59-33 biex akkiwstat il-midalja tad-deheb.

Il-player Malti Kurt Cassar kien magħżul wieħed mill-players tal-Aħjar Team tat-Tournament. Cassar skorja aktar minn 20 punt kull logħba f'din il-kompetizzjoni u ma kinetx sorpriża li kien magħżul bħala l-MVP (most valuable player) tal-kompetizzjoni. F'din il-kompetizzjoni Andorra spiċċaw fit-tieni post u Wales fit-tielet pożizzjoni.

Min-naħa l-oħra, it-team tat-tfajliet, taħt it-tmexxija ta' Sandro Farruġia, kellu jikkuntenta bil-midalja tal-fidda hekk kif tilef l-aħħar logħba kontra ċ-champions l-Iskozja 53-44.

Il-Maltin kellhom tliet rebħiet kbar - fuq Ġibiltà 66-22, Wales 60-38 u Andorra 68-30. L-aħħar logħba setgħet tmur kull naħa hekk kif iż-żewġ timijiet ma kienu rreġistraw l-ebda telfa. Il-Padiljun, f'Ta' Qali, kien mimli bil-partitarji biex jassistu għal din il-final li fiha spikkat l-għejja fuq it-tfajliet Maltin u s-superjorità tal-Iskoċċiżi biex Malta tilfet il-logħba bi skor minimu u kellha tikkuntenta bil-midalja tal-fidda. Nicole Agius kienet magħżula minn fost l-aħjar players tal-kompetizzjoni.

Il-midalja tal-bronż intrebħet minn Andorra.

Is-Segretarju Parlamentari għar-Riċerka, l-Innovazzjoni, iż-Żgħażagħ u l-Isport, Chris Agius, attenda kemm għaċ-ċerimonja tal-ftuħ u anke għaċ-ċerimonja finali. Huwa sab ukoll il-ħin ukoll biex jattendi għal żewġ logħbiet li lagħbu t-timijiet Maltin. Huwa, flimkien mal-President tal-MBA Paul Sultana, ippreżentaw il-midalji u t-trofej lir-rebbieħa. Għaċ-ċerimonja finali kienu preżenti wkoll il-viċi president tal-Kumitat Olimpiku Malti, Mark Cutajar, u d-Direttur fi ħdan l-istess kumitat Jonathan Vella.

L-Onorevoli Agius feraħ lill-coaches u lill-players għas-suċċess miksub, filwaqt li faħħar l-organizzazzjoni ta' kompetizzjoni ta' dan il-livell mill-MBA.

Huwa awgura li aktar assoċjazzjonijiet jieħdu l-eżempju tal-MBA u jattiraw kompetizzjonijiet ta' dan il-livell lejn pajjiżna għaliex mhux biss ikun qed jiġi ġġenerat it-turiżmu sportiv imma l-atleti tagħna għandhom bżonn li jipparteċipaw f'kompetizzjonijiet denji biex titwessa' l-esperjenza tat-talent Malti.

# L-Akkademja Sharp Shot struttura f'ambjent professjonali

L-iskola tat-Table Tennis SHARP SHOT ġiet imwaqqfa, fl-2008, meta d-direttur u Head Coach, David Pace, iddeċieda li kien hemm bżonn il-ħtieġa biex tfal, żgħażagħ u adulti jistgħu isibu posthom f'organizzazzjoni fejn l-għan prinċipali jkun li wieħed jitħarreġ fid-dixxiplina tat-Table Tennis b'mod serju, strutturat f'ambjent professjonali li jwassal għal suċċess u sodisfazjon tal-istudenti.

Fil-fatt, Sharp Shot hija akkademja fejn hemm players ta' etajiet diversi, bl-iżgħar wieħed għandu tmien snin filwaqt li l-akbar għandu 50 sena.

Is-sessjonijiet tat-taħriġ isiru fiċ-Ċentru f'Tal-Qroqq, jew inkella f'Ħal Tarxien. Kull post huwa mgħammar bi 12-il mejda tal-logħob u t-taħriġ isir għal sagħtejn li jinkludi t-teknika, tattika, fitness u anke logħob kompetittiv.

Matul l-istaġun, l-Akkademja Sharp Shot, torganizza kompetitizzjonijiet għall-istudenti tagħha. Dawn jinqasmu f'diversi kategoriji - Beginners, Emerging u Advanced/Intermediate.

Minbarra dawn il-kompetizzjonijiet, Sharp Shot, għandha tmien timijiet li jikkompetu fil-Kampjonat nazzjonali Malti fejn il-players ta' din l-akkademja jiksbu aktar esperjenza.

Dwar it-taħriġ barra minn xtutna, l-Akkademja tipprovdi opportunità biex l-istudenti jmorru l-Awstrija, fl-Akkademja ta' Werner Schlarger, li hija l-aqwa waħda fl-Ewropa, biex iwessgħu t-taħriġ u l-esperjenzi tagħhom.

Minn bosta subien u bniet li jattendu l-Akkademja Sharp Shot, hemm min diġà rebaħ it-titlu nazzjonali għal darba jew aktar, fosthom, Gabriel Melillo, it-tieni fl-Under 11 Subien; Sacha Pace, l-ewwel fl-Under 13 Subien; Jurgen Sammut l-ewwel fl-Under 15 Subien u Under 18 Subien; Haylie Bartolo, l-ewwel fl-Under 13 Bniet; Amy Degaetano t-tieni fl-Under 18 Bniet; Kurt Craus fl-Under 15 Doubles u Jessica Pace, iċ-champion tat-Tfajliet għal sitt snin konsekuttivi.

Dawn il-players, flimkien ma' oħrajn, jintgħażlu wkoll biex jirrappreżentaw lil Malta f'Kampjonati internazzjonali fejn l-aktar preġju u ċertifikat kienu l-midalja tal-fidda u tal-bronż li player ta' Sharp Shot rebħet fil-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar.

Kull min irid jikseb aktar informazzjoni dwar l-Akkademja Sharp Shot jista' jidħol fuq is-sit elettroniku www.sharpshotmalta.com jew jagħmel kuntatt dirett premezz ta' 9944 6916.




Luke Cassar waqt li qed jirrappreżenta lil Malta fil-Junior World Circuit

minn Tonio Farrugia

## Kampjonat 1959-60

# Iċ-champions Valletta jibdew id-difiża bi draw kontra Sliema W.

### L-Ewwel Ġurnata

Għal dawn l-ewwel erba' partiti tal-kampjonat, il-prezz tal-entratura għola għal żewġ xelini l-ground u żewġ xelini u nofs fl-Enclosure. Iż-żieda ta' sixpence fl-entratura saret biex ittaffi mill-ispejjeż li kellha l-MFA biex tmur fl-Afrika tilgħab kontra l-Marokk u t-Tuneżija fil-logħob ta' kwalifikazzjoni għal Logħob Olimpiku.

**03-10-1959:**
**St. George's FC – Marsa FC 2-1**
**H.T 2-0**
**Att: 4,326**
**Skurjaw: N. Mizzi (S) 20', Ġ. Ciantar (S) 35' u F. Abela (M) 58'.**
**Referee: Carmel Galea**
**Linesmen: Pawlu Bonnet u Ritchie Casha.**

*St. George's FC*: Ġużi 'Yumi' Bonnici, Willie Scerri, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Freddie Delia, Bertu Schreiner, Freddie Demanuele, Eddie 'Il-Bagaga' Mizzi, Nenu 'Il-Beċċun' Mizzi, Leli Stivala, Salvu 'Scotch' Scicluna, Ġużi 'Il-Felli' Ciantar.
*Marsa FC:* Salvu Alamango, Harold Henwood, Martin Attard, Nenu Fabri, Franz Borg, Ernie Glynn, Joe Borg, Ġużi 'Il-Gross' Pisani, Fredu 'Steak' Abela, Freddie 'Is-Sir' Cauchi, Pawlu Attard.

1. Willie Scerri u Bertu Schreiner lagħbu minflok Karmenu Frendo u s-centre half Ġużi Mizzi li kienu neqsin. Frendo kien sospiż filwaqt li Ġużi Mizzi sarulu xi punti wara li weġġa' meta waqa' minn fuq il-bejt tal-club il-ġdid tas-St. George's meta kienu qed isiru xi xogħlijiet fuq is-saqaf. Fil-fatt minn dan l-istaġun St. George's akkwistaw il-post magħruf bħala 'Ir-Rest' fi Pjazza Santa Margerita. Biex daħlu fir-'Rest' huma ħallsu £300 mill-ewwel u sitt xelini kuljum.
2. Wara li għalqu t-taqsima żewġ goals minn taħt, Marsa kienu sfortunati li ma kisbux id-draw, meta wara li naqqsu d-distakk huma laqtu l-lasti tliet darbiet minn Ġużi Pisani, Ernie Glynn u Pawlu Attard. Marsa kienu laqtu l-lasti anke fl-ewwel taqsima minn Freddie Cauchi.
3. Għat-tieni taqsima Marsa ħarġu jilagħbu bi flokkijiet sofor wara li qabel il-mistrieħ kienu lagħbu bil-kuluri tradizzjonali aħmar u blu.
4. Marsa FC kienu mingħajr Ġużi Dimech li ċedewh lil St. Patrick, filwaqt li taw id-debutt lill-akkwisti Ġużi Pisani u Joe Borg.
Il-left wing Ġużi Pisani akkwistawh mingħand Birkirkara FC u r-right wing Borg, akkwistawh mingħand St. Patrick. Marsa kienu taħt il-gwida tal-Physical Training Instructor Lester.
5. St. George's akkwistaw lil Lolly Cuschieri mingħand Sliema Wanderers għal £125. Cuschieri iddebutta mas-Saints fit-13 ta' Settembru 1959 fi friendly fl-Imtarfa kontra Rabat FC mirbuħa 2-0 b'żewġ goals ta' Salvu Scicluna.
6. Fl-iskwadra ta' St. George's FC kien hemm ir-reġistrat mill-ġdid il-goalkeeper veteran ta' 42 sena Wenzu Gabarretta. Huwa anke lagħab l-ewwel taqsima tal-friendly ta' qabel il-kampjonat tal-20 ta' Settembru 1959 li fiha St. George's kienu għelbu lil Sliema Wanderers 3-2.
Gabarretta rritorna fuq il-kotba ta' St. George's wara li kienet inħafritlu s-sospensjoni għal għomru li kien weħel meta fil-final tan-Knock Out tat-Tielet Diviżjoni bejn Ħamrun Spartans u St. George's, tas-27 ta' Mejju 1954, hu kien tela' għat-Tazza tat-telliefa għolliha fl-ajru u nsulta lill-President tal-MFA ta' dak iż-żmien, Emilio Camilleri.
7. Marsa pprotestaw kontra r-riżultat tal-partita minħabba li sostnew li l-player Freddie Demanuele ma kienx *bona fide* amateur kif hu rreġistrat. Il-protest ma ġiex milqugħ meta fir-reġistrazzjoni St. George's kellhom l-*affidavit* tal-player li huwa amateur kif jitolbu r-regolamenti.

**04-10-1959:**
**Hibernians FC – Birkirkara FC 4-1**
**H.T 3-0**
**Att: 2,710**
**Skurjaw: E. Theobald (H) 15', L. Sultana (H) 27' u 43', F. Bonnici (B) 73' u J. Mizzi (H) 78'**
**Referee: Turu Lentini**

*Hibernians FC*: Lino 'Iż-Żeman' Spiteri, Johnnie 'Il-Ġemel' Privitera, Louis Theobald, Sunny Anastasi, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Joe 'Puskas' Muscat, Sunny Caruana, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Jimmy Mizzi, Leli Sultana, Frans 'In-Nagħġa' Xuereb.
*Birkirkara FC*: Carmel Grima, Peter Galea, Leli Mallia, Leli Pace, Leli 'Id-Diju' Borg, Norman Bell, Leli Theuma, Nenu Chircop, Toni Caruana, Louis Borg, Frans 'Il-Lula' Bonnici.

1. Għalkemm it-tieni goal ta' Hibernians ingħata lil Leli Sultana, mid-deskrizzjoni tiegħu iktar jidher li kien autogoal tal-goalkeeper Grima meta mill-free-kick ta' Sunny Anastasi, Leli Sultana laqat il-mimduda bil-goalkeeper Grima fit-tenttattiv li jippanċja l-ballun 'il barra, ippanċjah għal ġewwa.
Grima kien qed jiddebutta bejn il-lasti tal-Istripes minħabba li l-goalkeeper regolari Lolly Rizzo ma riedx jilgħab iktar football wara t-telfa ta' 4-2 ta' Birkirkara kontra Rabat tal-istaġun ta' qabel.
2. Player ieħor regolari nieqes għal Birkirkara f'dan l-istaġun kien Ġorġ Dalli li kien jinsab l-Ingilterra u kien hemm dubji jekk jirritornax Malta.
3. Leli Borg 'Id-Diju' irritorna ma' Birkirkara wara nuqqas ta' tliet snin. Huwa kien ġie sospiż għal għomru wara l-partita ta' Birkirkara kontra Sliema tal-25 ta' Marzu 1956 wara li kien xejjer bis-sieq lir-referee. Is-sospensjoni tiegħu nħafret wara l-Amnestija Generali li tat l-MFA wara li t-tabib Dr. Henry Copperstone laħaq President ġdid.
Birkirkara kienu daħħlu talba oħra sabiex tinħafer is-sospensjoni ta' Lolly Borg u Leli Saliba 'Il-Likku' li kienu ilhom sospiżi mill-partita kontra Floriana tal-11 ta' Jannar, 1959, meta kienu attakkaw lir-referee, iżda t-talba tagħhom ġiet irrifjutata minħabba li l-players kienu għadhom ma għalqux sena sospiżi.
4. Hibernians akkwistaw lid-difensur Johnnie Privitera mingħand Sliema Wdrs. FC filwaqt li ċedew lill-goalkeeper Nicholas Micallef lil Żebbug Rangers. Micallef kien lagħab tliet logħbiet ma' Hibernians fl-istaġun 1956-57.
Hibernians kienu kważi akkwistaw ukoll lid-difensur Lolly Cuschieri, li jiġi ħu l-coach tagħhom Salvu Cuschieri, Hibernians kienu ftehmu ma' Sliema fuq it-trasferiment tal player għal £110 iżda finalment Sliema biegħuh lil St. George's għal £125.
5. Minbarra lil Salvu Cuschieri bħala Coach, Hibernians kienu ngaġġaw ukoll lill-Ingliż Tommy Smith bħala Physical Training Instructor.
6. Maurice Vella Borg ta' Hibernians irrifjuta li jkompli jilgħab aktar football wara li kien iddejjaq jisma' għidut fuq xiri u korruzzjoni ta' players. Players oħra neqsin mit-team ta' Hibernians kienu Fredu Church li kien sospiż partita, Paul Nelson li ġimgħa qabel kien kiser idejh waqt li kien

fuq ix-xogħol fit-Tarzna u Joe Cini li reġa' kien jinsab l-Ingilterra fejn iffirma mat-team tat-Tielet Diviżjoni Ingliża Queens Park Rangers. It-team Ingliż kellu bħala coach lil Alec Stock li kien Manager ta' Leyton Orient meta Joe Cini kien mar magħhom għal prova s-sena ta' qabel.

7. Birkirkara akkwistaw lil Leli Mallia u Leli Pace mingħand Sliema Wanderers. Pace kien jilgħab mar-Reserves ta' Sliema wara xi snin jilgħab ma' Balzan Youths. Min-naħa tagħhom Birkirkara ittrasferew lill-players Bertie Agius li mar lura mal-club antik tiegħu Melita, lil Johnnie Gatt li siehEb lil Sliema Wanderers u lil Alfred Chircop li tawh lil Żejtun Corinthians għas-somma ta' £100.

**10-10-1959:**
**Valletta FC – Sliema W. FC 1-1**
**H.T 1-1**
**Att: 8,253**
**Skurjaw: J. Zammit (V) 43' u Ġ. Muscat (S) pen. 44'.**
**Referee: Carmel Galea**

*Valletta FC*: Tommy Taylor, Walter Bone, Edwin 'Dwinu' Schembri, Karm Borg, Joe Cilia, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Joe 'Il-Ginger' Zammit, Josie Urpani, Mario Azzopardi, Frankie Zammit, Alfred 'Il-Waniż' Borg.

*Sliema Wdrs. FC*: Ray Cosby, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Johnnie Gatt, Joe Aquilina, Ray Edwards, Alex Gollcher, Ġulinu Muscat, Robbie Buttigieg, Maurice Walsh, Joe Zammit, Wally Hili.

1. Għat-tielet sena konsekuttiva Valletta u Sliema ltaqgħu fl-ewwel ġurnata tal-kampjonat.

2. Il-goal ta' Valletta skorjat minn Joe 'Ginger' Zammit, li fil-bidu tas-snin ħamsin kien joħroġ bħala mascot mal-Wanderers, kien dubjuż meta cross ta' Zammit ħabat mal-lasta u spiċċa f'idejn Cosby bil-linesman jagħmel is-sinjal li l-ballun kien skorra l-linja tal-goal fost protesti ħorox tal-Wanderers bil-logħob jieqaf għal tliet minuti.

Dritt mill-kick-off Sliema ingħataw penalty dubjuż ħafna wara li Robbie Buttigieg waqa' fil-penalty area. Mill-penalty Sliema kisbu d-draw. Paċi!!!

3. Valletta FC kienu qed jilagħbu mingħajr Jackie Grech, li kellu xi differenzi mal-club u fil-fatt ma lagħabx iktar mat-team Belti, u mingħajr Johnnie Darmanin li kien weġġa' fi friendly ta' qabel il-kampjonat kontra Marsa.

Minflok Jackie Grech lagħab Karm Borg li kien għadu kemm inħatar player-coach tat-team Belti wara li Jock Gilmour, li rebaħ tant unuri f'Malta l-ewwel ma' Sliema Wanderers u issa ma' Valletta FC, kien skadielu l-kuntratt ta' tliet snin f'Malta mas-Servizzi Ingliżi u kellu jirritorna l-Ingilterra.

Kemm dam Malta Gilmour kien anke jikkontrolla logħob tal-waterpolo. Aktar tard Valletta ħatru lill-ex player ta' Sheffield United u Halifax Town Norman Dingwell bħala l-coach tagħhom.

4. Sliema Wanderers kienu qed jilagħbu mingħajr Salvu Bonnici u Rudyard Mifsud li t-tnejn kellhom l-influwenza u mingħajr Sammy Nicholl li kien imweġġa' u tilef il-friendlies kollha ta' qabel il-kampjonat. Minflokhom Sliema Wanderers taw id-debutt lil Joe Aquilina, li kellu biss 16-il sena, lil Johnnie Gatt li huma akkwistaw mingħand Birkirkara fis-sajf u liż-żagħżugħ Joe Zammit li akkwistaw mingħand l-Imsida. Akkwist ieħor tal-Wanderers li ma sabx postu fl-ewwel team kien l-aqwa skorer tat-Tieni Diviżjoni Oreste Debono li huma kisbu mingħand Zebbuġ Rangers bi bdil ma' Alfred Parnis.

5. Player ieħor nieqes mit-team tal-Wanderers kien Joe 'Jockey' Xuereb li għalkemm kien irkupra minn operazzjoni tal-cartilage li kien għamel fl-isptar tal-Blue Sisters fis-sajf, kien jinsab l-Ingilterra fuq kuntratt ta' xogħol mal-kumpanija Cable & Wireless. Xuereb, sentejn qabel, kien diġà tilef parti kbira mill-kampjonat 1957-58 meta kien mar għal diversi xhur f'Lagos f'kuntratt ieħor ta' xogħol mal-istess kumpanija.

6. Trasferiment prinċipali fil-ġranet tas-sajf li sfaxxa fl-aħħar mumenti kien dak ta' Pawlu Said minn ma' Rabat FC għal ma' Sliema Wanderers. Rabat FC kienu niżżlu t-talba oriġinali tagħhom minn £700 għal £500 u l-player Alfred Parnis. Sliema waslu sa £400 u l-ftehim baqa' ma ntlaħaqx biex Pawlu Said baqa' ma' Rabat FC li issa kienu ser jilagħbu fit-Tieni Diviżjoni.

7. Valletta FC ċedew lil half back Twanny Formosa u lil Silvio Rapinett lil Vittoriosa Stars. Rapinett kien tilef postu fit-team Belti wara d-draw mhux mistenni ta' 0-0 kontra Rabat FC. Anke l-goalkeeper Pawlu Montebello telaq lil Valletta meta sieħeb lil Gżira United. Ta' Montebello Valletta akkwistaw £50 u lill-player Charles Cristiano. Min-naħa tagħhom il-Wanderers ċedew lil Leli Mallia lil Birkirkara u lil Lolly Cuschieri lil St. George's.

8. Il-goalkeeper Victor Lynch li fl-istaġun li għadda lagħab l-aħħar partita tal-kampjonat ma' Sliema Wanderers ġie ttrasferit lil Vittoriosa Stars fit-Tieni Diviżjoni.

**11-10-1959:**
**Floriana FC – Ħamrun S. FC 1-0**
**H.T 0-0**
**Att: 7,897**
**Skorja: B. Dalli (F) 56'.**
**Referee: Flight Lt. Francis Fannon**

*Floriana FC*: Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Lolly Debattista, Pullu Mousu', Jimmy Farrugia, Eddie Bonnett, Freddie Vella James, Żarenu Alamango, Tony 'Majsi' Cauchi, Billy Dalli, Lolly Borg, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

*Ħamrun Sp. FC*: Johnnie Chetcuti, John Fondacaro, Freddie 'Ix-Xibby' Sciberras, Neville Mallia, Louis Bonello, Effie Borg, Paul Buttigieg, Bertu Calleja, Charlie Agius, Freddie 'It-Tirjule' Borg, Twanny 'Il-Ginger' Cassar.

1. Floriana taw id-debutt lill-akkwist il-ġdid Jimmy Farrugia. Huwa kien ġie akkwistat mingħand Gudja United. Min-naħa tagħhom huma ċedew lil Frankie Bonello u lil John Delia lil Melita FC fit-Tielet Diviżjoni. Iż-żagħżugħ promettenti Delia kien ilu ma jilgħab ma' Floriana 'l fuq minn sentejn, mill-partita abbandunata kontra Sliema Wanderers, tal-21 ta' April, 1957, meta kien qam inkwiet kbir. Hu kien iddeċieda li ma jilgħabx iktar football.

2. Mal-Ispartans irritorna John Fondacaro li daħal minflok Freddie Falzon li kellu xi differenzi mal-Ispartans, filwaqt li Neville Mallia, li kien qed jiddebutta mal-Ispartans, kien ġie akkwistat mingħand Birkirkara FC. Min-naħa tagħhom Ħamrun Spartans kienu ċedew lil Romeo Psaila lil St. Patrick FC fit-Tieni Diviżjoni għal £80 filwaqt li ħuh Gejtu Psaila sieħeb lil Żurrieq fit-Tieni Diviżjoni wkoll.

3. Floriana kienu għadhom qed jilagħbu mingħajr Charlie Brincat li kien ser jagħmel operazzjoni oħra fl-irkoppa u mingħajr Fred Barry li ra s-sospensjoni tiegħu tiżdiedlu, sal-14 ta' Ottubru, 1959, wara li nstab ħati li nsulta lil Viċi President tal-MFA Dr. Maurice Decesare.

Floriana talbu lill-Kunsill biex is-sospensjoni tinħafer bi ftit ġranet biex il-player ikun jista' jilgħab din il-partita iżda t-talba tagħhom m'għadditx b'għaxar voti kontra, tlieta favur u tliet astensjonijiet. Biex isolvu l-kriżi fid-difiża, Floriana kienu pprovaw isejħu lura lill-ex difensur tagħhom Leli Zammit li kellu jirtira mill-football minħabba wġiegħ f'irkopptu. Fil-fatt Zammit, li kien lagħab magħhom fil-friendlies ta' qabel il-kampjonat, ma lagħabx għax kien qed jerġa' iħoss l-uġiegħ biex temm il-karriera tiegħu għal dejjem.

4. Floriana FC ittrasferew lill-player Wistin Mallia lil Ħamrun Spartans.

5. Għal dan l-istaġun Floriana kienu taħt il-gwida ta' Vincent Murphy, ex-player ta' Grimsby Town, Notts County u Walsall fis-snin tletin u li fl-istaġun ta' qabel kien coach ta' Gateshead. Min-naħa tagħhom Ħamrun Spartans ingaġġaw lil Norman Gilbert, coach Ingliż li kien jinsab f'Malta bħala Warrant Officer mar-Royal Air Force filwaqt li bħala Physical Training Instructor kellhom lil Norman (Bob) Sawyer tal-RAF megħjun mill-ex difensur Salvu Azzopardi.

6. Ħamrun Spartans kienu daħħlu protest kontra r-riżultat tal-partita minħabba li Floriana kienu għamlu użu mill-player Jimmy Farrugia iżda ftit wara l-protest ġie rtirat.

*Klassifika*: Floriana FC, Hibernians FC u St. George's FC 2 pti.; Sliema Wdrs. FC u Valletta FC 1 pt.; Marsa FC, Birkirkara FC u Ħamrun Sp. FC 0 pti.

*L-Aqwa Skorers*: L. Sultana (Hibernians) 2 goals.

minn Joseph Serracino

# It-Tiġrija tal-Vitorja (2000-2013)



L-Erbatax-il Parti

Qaddiefa u l-partitarji tal-Marsa jiċċelebraw ir-rebħ tax-Shield li huma rebħu flimkien ma' Bormla (b'punti ndaqs) fl-2013

Fl-2003 dan il-palju ntrebaħ mid-distrett ta' Marsamxett/ Valletta bil-qaddiefa Marlon Cutajar u Dennis Thorton. Kienet tiġrija mill-aktar akkanita bejn il-qaddiefa Beltin u dawk Marsin kif se naqraw f'din is-silta: *'... tiġrija li mill-ġdid rajna lill-Marsa u Marsamxett/ Valletta - iż-żewġ distretti favoriti għar-rebħ tax-Shield jissieltu bl-aħrax għal dan il-palju, bl-Isla u Bormla f'taqtiegħa bejniethom għat-tielet post. Fid-dwell aħrax fl-aħħar fażi ta' din it-tiġrija rajna liż-żewġ timijiet ta' qaddiefa jaqdfu b'saħħa kbira u litteralment daħlu ras imb'ras. Fil-fatt, din it-tiġrija li ġiet deċiża bil-Photo Finish fejn l-ewwel daħlu Marsamxett/Valletta f'ħin ta' 5 minuti u 54 sekonda bid-dgħajjes tal-Marsa u Bormla jidħlu warajha rispettivament...'*

Fl-2004, dan il-palju reġa' ntrebaħ mill-Beltin għat-tieni sena konsekuttiva bil-qaddiefa Lawrence Attard u Dennis Thornton. Dwar l-andament ta' din it-tiġrija sibna din is-silta sportiva: *'... il-Beltin ma fallewx ir-rebħa u kienu segwiti mill-Isla u mill-Birgu. Hawhekk kien hawn ftit ta' eżitazzjoni wara li l-Birgu li kienu qed jisfidaw bis-sħiħ lill-Isla għat-tieni post, f'ħin minnhom wieħed mill-qaddiefa deher jieqaf jaqdef hekk kif iż-żewġ dgħajjes dehru li setgħu jaħbtu. Iżda l-Birgu ma pprotestawx u l-klabbs ħadu l-punti kif daħlu....'* Il-ħin ta' din it-tiġrija kien ta' 5 minuti u 50 sekonda.

Fl-2005, dan il-palju reġa' ntrebaħ mill-ġdid mid-distrett tal-Isla bil-qaddiefa Clayton Fiteni u Clayton Darmanin. Silta minn artiklu sportiv jagħtina ħjiel dwar it-tensjoni kbira li qajmet f'din it-tiġrija akkanita fost id-dilettanti tad-distretti parteċipanti: *'... din it-tiġrija mill-ewwel kellha bidu eċċitanti bid-dgħajjes Marsa, Marsamxett/Valletta, l-Isla u Bormla joħorġu flimkien u għal parti sew mill-korsi baqgħu telgħin ras imb'ras. F'ħin minnhom id-dgħajjes ta' Bormla u l-Marsa daħlu f'xulxin u waqfu, bid-dgħajjes tal-Isla, Marsamxett/ Valletta u Birżebbuġa jkomplu t-triq b'qadfa ħafifa. Kien proprju meta d-dgħajjes waslu qrib il-Ponta tal-Isla, meta fost għajjat u kant mis-supporters Sengleani li kienu miġbura fuq il-moll ta' taħt il-Gardjola, id-dgħajsa tal-Isla dehret iżżid fil-qdif, tieħu vantaġġ fuq dik ta' Marsamxett u tidħol fl-ewwel post f'ħin ta 6 minuti u 3 sekondi. Warajha daħlu Marsamxett u Birżebbuġa rispettivament...'*

Fl-2006, dan il-palju ntrebaħ mill-ġdid mid-distrett ta' Marsamxett f'tiġrija mill-aktar akkanita bil-qaddiefa Lawrence Attard u Dennis Thorton. F'wieħed mir-rapporti sportivi sibt din is-silta qasira li tkellimna dwar din it-tiġrija: *'... Il-qaddiefa ta' Marsamxett komplew bil-mixja pożittiva tagħhom f'din ir-Regatta meta huma rebħu meritItament it-tiġrija tad-dgħajjes tal-Pass b'żewġt Imqadef f'ħin ta' 6 minuti u 10 sekondi. It-tieni post intrebaħ mid-dgħajsa ta' Bormla wara dwell akkanit mal-Isla li kellhom jikkuntentaw bit-tielet post ...'*

Fl-2007, dan il-palju reġa' ntrebaħ minn Marsamxett/ Valletta bil-qaddiefa John Martin Mifsud u Dennis Thorton. Din it-tiġrija kienet sabiħa u eċċitanti ħafna kif se naqraw f'din is-silta: *'... din kienet tiġrija mill-aktar akkanita fejn rajna lid-dgħajjes ta' Marsamxett, Bormla u l-Marsa, fl-ewwel 100 metru jiksbu vantaġġ ta' nofs dgħajsa fuq id-dgħajjes l-oħra. Din il-pożizzjoni baqgħet hekk sa tliet kwarti mill-korsa, meta Marsamxett u Bormla, fi dwell qalil bejniethom dehru jżidu fil-qdif, iżda finalment kienu l-qaddiefa ta' Marsamxett li fl-aħħar fażi tat-tiġrija taw spissjatura qawwija, issuperaw lil Bormla u daħlu fl-ewwel post f'ħin ta' 6 minuti u 2 sekondi b'vantaġġ ta' madwar tul u nofs. Bormla daħlet fit-tieni u l-Marsa fit-tielet post rispettivament...'*

Fl-2008, dan il-palju għadda mill-ġdid għand l-Isla bil-qaddiefa John Martin Mifsud u Clayton Darmanin Din is-sena wkoll din it-tġrija qajmet entużjażmu kbir fost il-partitarji avversarji peress li d-distretti tal-Isla u ta' Bormla kienu meqjusin bħala l-favoriti għar-rebħ ta' dan il-palju, iżda l-istorja ta' din it-tiġrija kienet differenti minn dik li xtaqu ħafna dilettanti kif se naqraw f'din is-silta sportiva: *'... it-tiġrija tad-dgħajjes 'B' tal-Pass b'żewġt Imqadef kien hemm taqtiegħa interessanti bejn l-Isla u Bormla, iżda fl-aħħar ftit il-qaddiefa Bormliżi waqgħu lura, biex wittew ir-rebħa lill-Isla bi ftit aktar minn tul ta' dgħajsa vantaġġ f'ħin ta' 5 minuti u 40 sekonda. Wara Bormla, daħlu l-Birgu fit-tielet post...'*

Fl-2009, dan il-palju mill-ġdid reġa' ntrebaħ mid-distrett tal-Marsa bil-qaddiefa Redeemek Lammit u Adrian Schembri. Kienet tiġrija eċċitanti kif tgħidilna din is-silta sportiva: *'... din it-tiġrija ġiet mirbuħa mid-distrett tal-Marsa wara taqtiegħa ħarxa mad-dgħajjes ta' Bormla u l-Isla li ħalliet lill-ispettaturi fuq ix-xwieq minn mit-tliet dgħajjes kienet l-aħħar waħda. Ir-riżultat juri li l-Marsa kienu l-aħjar għax huma rebħu dan il-palju f'ħin ta' 6 minuti u 17-il sekonda bid-dgħajjes ta' Bormla u l-Isla jidħlu fit-tieni u fit-tielet pożizzjoni...'*

Fl-2010, dan il-palju ntrebaħ mid-distrett ta' Marsamxett bil-koppja Martin John Mifsud u Dennis Thorton. Silta sportiva tkellimna dwar l-andament eċċitanti ta' din it-tiġrija: *'... din it-tiġrija kienet eċċitanti ħafna fejn id-dgħajjes tal-Marsa, Bormla, l-Isla u Marsamxett/ Valletta kienu l-protagonisti tagħha. Għalkemm id-dgħajjes ta' Bormla u Marsamxett dehru l-aħjar żewġ dgħajjes fil-kanal,*

*kemm il-Marsa kif ukoll l-Isla baqgħu jsegwuhom tul il-korsa. Finalment kienu Marsamxett li rnexxielhom jgħelbu l-isfida ta' Bormla u daħlu l-ewwel f'ħin ta' 5 minuti u 40 sekonda, b'Bormla tidħol warajhom u l-Isla fit-tielet post ...'*

Fl-2011, dan il-palju ntrebaħ mid-distrett tal-Kalkara bil-qaddiefa Roderick Briffa u Noel Bugeja. Din it-tiġrija ġiet deskritta bħala waħda mill-isbaħ tiġrijiet ta' din l-edizzjoni. Dwar l-andament ta' din it-tiġrija tkellimna din is-silta meħuda minn wieħed mir-rapporti sportivi li ġew ippubblikati l-għada tar-Regatta: *'... tiġrija interessanti ħafna bid-dgħajsa tal-Kalkara li kienet ġibdet l-attenzjoni ta' bosta dilettanti fil-provi kellha ħruġ qawwi. Magħha, fl-istess linja kien hemm id-dgħajjes tal-Marsa, l-Isla u Bormla li kienu kkwotati ħafna għar-rebħ ta' dan il-palju. Iżda meta d-dgħajjes qabżu nofs il-korsa, il-qaddiefa Kalkariżi bdew iżidu fil-palati (fil-qdif) u rnexxielhom jaqbżu quddiem l-Isla li sa dak il-ħin kienet qed tillidja l-korsa. Minn hemm 'il quddiem il-koppja Kalkariża ma ħarsitx lura, iżda kompliet taqdef b'saħħa kbira sakemm daħlet l-ewwel f'ħin ta' 4 minuti u 26 sekonda (ħin żbaljat). L-Isla daħlu fit-tieni u l-Marsa fit-tielet post rispettivament....'*

Fl-2012, dan il-palju għadda mill-ġdid għand il-Marsa bil-qaddiefa Clive Casha u Dennis Thorton. Din is-sena wkoll, din it-tiġrija kellha l-mumenti sbieħ tagħha b'kontestazzjoni qalila u missielta bejn il-Marsa u Bormla. Proprju dan kollu nsibuh f'din is-silta sportiva: *'... din it-tiġrija ġiet deskritta bħala waħda eċċtanti, bid-dgħajsa tal-Marsa, taqbeż quddiem id-dgħajjes l-oħra fl-ewwel 200 metru mill-ħruġ u tibqa' tillidja tul il-korsa segwita minn Bormla u l-Isla. Fl-aħħar fażi ta' din it-tiġrija rajna lill-qaddiefa Marsin jaqdfu b'saħħa kbira u eventwalment ikabbru l-vantaġġ għal madwar tliet tulijiet quddiem Bormla li daħlet fit-tieni post u l-Isla fit-tielet post ...'* Il-ħin ta' din it-tiġrija kien ta' 5 minuti u 29 sekonda.

Fl-2013, dan il-palju ntrebaħ mid-distrett tal-Marsa għat-tieni sena nfila bil-qaddiefa Clive Casha u Dennis Thorton. F'din it-tiġrija osservajna d-dominanza tal-qaddiefa Marsin fuq l-avversarji tagħhom l-Isla u Bormla. *'... mal-ħruġ id-dgħajsa tal-Marsa qabżet fuq quddiem u baqgħet iżżomm vantaġġ ta' nofs tul ta' dgħajsa u kultant aktar ukoll fuq id-dgħajjes tal-Isla u Bormla li baqgħu jsegwuha tul il-korsa. Fl-aħħar fażi tat-tiġrija l-Marsin komplew iżidu fil-qdif u daħlu l-ewwel f'ħin ta' 6 minuti u 4 sekondi, bid-dgħajjes tal-Isla u Bormla jidħlu warajhom fit-tieni u fit-tielet post rispettivament ...'*

### Korsa tal-Kajjikki

It-tiġrija tal-Kajjikki bħal dik tal-Frejgatini hija tiġrija interessanti ħafna u taf tkun waħda deċiżiva għar-rebħ tax-Shield. Kellna diversi edizzjonijiet fejn ix-Shield intrebħet bil-punti miksuba f'din it-tiġrija u t-tiġrija ta' bl-Erbgħa saret biss bħala formalità u għall-palju prestiġjuż tagħha. Matul il-perjodu 2000 u l-2013 rajna diversi tiġrijiet tal-Kajjikki li fir-rapporti Sportivi ppubblikati fil-gazzetti l-għada tal-Vitorja iddiskrivuhom bħala l-isbaħ tiġrija tar-Regatta. F'dawn l-aħħar l-erbatax-il sena (2000-2013) dan il-palju ntrebaħ minn dawn id-distrett:

Fl-2000, dan il-palju ntrebaħ mid-distrett tal-Isla bil-qaddiefa Lawrence Ciantar u Kurt Azzopardi. F'wieħed mir-rapporti sportivi nsibu din is-silta li tkellimna dwar l-andament ta' din it-tiġrija: *'... din it-tiġrija żvolġiet f'taqtiegħa nteressanti fost tliet distretti – Isla, Bormla u Marsamxett/Valletta – bil-qaddiefa tal-Kajjikk tal-Isla jiddefendu l-palju b'determinazzjoni kbira. Kien hemm waqtiet fejn il-Beltin dehru ta' theddida serja għas-Sengleani, iżda dawn tal-aħħar għarfu jżommu r-ritmu u jikkontrollaw l-andament tat-tiġrija sa tmiem il-korsa, b'rebħa meritata f'ħin ta' 6 minuti u 25 sekonda. Marsamxett/Valletta u Bormla daħlu fit-tieni u fit-tielet post rispettivament ...'*

Fl-2001, dan il-palju għadda għand id-distrett tal-Birgu bil-qaddiefa Anthony Cachia u Lawrence Gellel. Silta qasira iżda informattiva ħafna tagħtina stampa reali kif żvolġiet din it-tiġrija: *'... din it-tiġrija kienet mirbuħa mid-distrett tal-Birgu f'ħin ta' 6 minuti u 27 sekonda. Kienet tiġrija akkanita ħafna bil-qaddiefa tal-Birgu mill-ewwel jaqbżu quddiem l-Kajjikki u tul il-korsa qatt ma ħarsu lura. B'qadfa ħafifa huma rnexxielhom jiksbu vantaġġ sostanzjali fuq il-kumplament tal-Kajjikki l-oħra u baqgħu żżommuh sa tmiem it-tiġrija. Warajhom daħlu l-Isla u Marsa rispettivament....'*

Fl-2002, dan il-palju mill-ġdid reġa' ntrebaħ mid-distrett tal-Isla bil-qaddiefa Lawrence Ciantar u Kurt Azzopardi. Silta sportiva tgħidilna li din it-tiġrija kienet sabiħa u kkumbattuta ħafna: *'... il-protagonisti ta' din it-tiġrija kienu tliet distretti - l-Isla, Marsa u l-Birgu. Kienet tiġrija li fiha rajna lill-qaddiefa tal-Kajjikk tal-Isla jieħdu vantaġġ sostanzjali kmieni fit-tiġrija u jirnexxielhom jżommuh sa tmiem il-korsa. Warajahom daħlu l-Birgu u l-Marsa rispettivament. Il-ħin ta' din it-tiġrija hu ta' 6 minuti u 33 sekonda ...'*

Fl-2003, dan il-palju ntrebaħ għat-tieni darba konsekuttiva mid-distrett tal-Isla bil-qaddiefa Lawrence Ciantar u Kurt Azzopardi: Kienet tiġrija li fir-rapporti sportivi ġiet deskritta bħala waħda eċċitanti kif se naqraw f'din is-silta: *'... tiġrija akkanita ħafna bil-Kajjikki tal-Marsa u Marsamxett/Valletta jissieltu bejniethom fit-tentattiv tagħhom biex jiksbu aktar punti u b'hekk ikabbru ċ-ċans tagħhom għar-rebħ tax-Shield. Iżda din id-darba wkoll, kienu l-Isla li marru l-aħjar, għax il-qaddiefa Sengleani, b'esperenza kbira f'din it-tiġrija, għarfu jaqbdu ritmu mgħaġġel ta' qdif li permezz tiegħu qabzu fuq quddiem u rnexxielhom iżommu vantaġġ sostanzjali fuq il-kumplament tal-Kajjikki tul il-korsa kollha. Marsamxett/Valletta daħlu t-tieni u l-Marsa t-tielet...'* Il-ħin uffiċjali ta' din it-tiġrija hu 6 minuti u 35 sekonda.

Fl-2004, dan il-palju reġa' ntrebaħ mid-distrett tal-Isla bil-qaddiefa Lawrence Ciantar u Colin Spiteri. F'silta qasira f'wieħed mir-rapporti sportivi tkellimna dwar is-supperjorita tal-Kajjikk ta' l-Isla f'din it-tiġrija *'... it-tiġrija tal Kajjikki kienet sabiħa ħafna. Għalkemm ħafna stennew tiġrija missielta bejn il-Kajjikki tal-Isla u ta' Marsamxett/Valletta, wieħed jista' jgħid li l-koppja tal-Kajjikk tal-Isla ddominaw din it-tiġrija mill-bidu sat-tmiem tagħha u daħlu fl-ewwel post b'vantaġġ ta' żewġ tulijiet quddiem Marsamxett/Valletta u Bormla f'ħin ta' 6 minuti u 31 sekonda...'* F'din it-tiġrija d-distrett tal-Isla żanżan Kajjikk ġdid (Bronk) li ġie ffinanzjat mill-kumpanija Bronk Productions.

Fl-2005, dan il-palju ntrebaħ mill-Marsa bil-qaddiefa Lawrence Ciantar u Kurt Azzopardi. Skond ir-rapporti sportivi ppubblikati l-għada tar-Regatta, din it-tiġrija kienet deskritta bħala waħda mill-isbaħ tiġrijiet ta' din l-edizzjoni: *'... tiġrija akkanita u eċċitanti mill-aktar, fejn wieħed jista' jgħid li l-qaddiefa tal-Kajjikk tal-Marsa b'mod komdu rebaħ din it-tiġrija f'ħin ta' 6 minuti u 35 sekonda. Minkejja li l-Kajjikki ta' Bormla u l-Birgu għal parti sew mill-korsa minn Ras Ħanżir sad-Dwana l-qadima baqgħu jissieltu bl-aħrax biex jisfidaw lill-Kajjiik Marsa, dan kien kollu għalxejn, għax il-vantaġġ li rnexxielu jikseb f'nofs il-korsa kompla żammu sat-tmien. Warajh daħlu l-Birgu u Bormla...'*

Silta' qasira ħafna tagħtina tagħrif partikolari dwar wieħed mill-qaddiefa protagonisti:

*'... tmiem it-tiġrija tal-Kajjikki kellha sinifikat kbir. Lawrence Ciantar kompla jiddomina f'din il-kategorija meta mill-1994 rebaħ il-Kajjikk għall-11-il darba u flimkien ma' sieħbu Kurt Azzopardi taw lill-Marsa 16-il punt prezzjużi...'*

**Ikompli f'ħarġa oħra**

ISLA MARSA MARSAMXETT BORMLA BIRGU KALKARA BIRŻEBUĠĠA

EuroSport
Malta's Leading Sports & Casual Shops




# Spot the Ball u irbaħ

## Flokk ta' Chelsea

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Awwissu, 2014

Sportiv Magazine, Kompetizzjoni Spot the Ball, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000. Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Ir-rebbieħ jingħata flokk ta' Chelsea ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

### Soluzzjoni Ħarġa nru. 87

Ir-Rebbieħ tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 87 huwa:
**Kevin Montanaro - Sliema**





# SPORTIV Tisliba

### Soluzzjoni - Ħarġa nru 87

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| S | C | O | L | A | R | I | | S | | A | | E |
| I | | S | | R | | N | I | C | O | L | A | S |
| L | U | C | I | C | | Z | | H | | T | | C |
| V | | A | | E | L | A | N | O | | I | | H |
| A | D | R | I | | | G | | E | R | D | E | M |
| | U | | | S | A | H | I | N | | O | | A |
| I | N | O | H | A | | I | | | G | R | U | N |
| | G | | | H | O | | D | | R | E | | N |
| C | A | M | P | A | G | N | A | R | O | | K | |
| E | | U | | | U | | N | | S | L | A | T |
| R | E | C | B | E | R | | T | O | | | L | |
| C | | H | | R | O | Z | E | N | T | A | L | |
| I | H | A | R | A | | O | | O | | | E | R |

FITNESS STUDIO

Kull xahar qed jintrebħu tliet memberships ta' xahar għand **FITNESS STUDIO**
Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Awwissu, 2014:

**Sportiv Magazine Kompetizzjoni Tisliba, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000.**

**Isem u kunjom**

**Indirizz**

**E-mail**

**Rebbieħa Ħarġa nru 87: Helen Hili (Żebbuġ) - Matthias Pace (Qala) - Frank Felice (Bugibba)**

### Mimdudin

1) L-ixjeħ 'plejer' li qatt lagħab fit-Tazza tad-Dinja (9)
8) Danny, midfielder offensiv Portugiż fl-2010 (5)
9) Luis, midfielder Peruvjan fl-1982 (5)
10) Mauricio, right-back Ċilen fl-2014 (4)
11) ... De Janeiro (3)
12) Rudolf, attakkant Ġermaniż fl-1934 (5)
14) Angeles, belt ospitanti fl-1994 (3)
16) Bernard, goalkeeper Franċiż fl-1998 (4)
17) Pak ....-Chol, midfielder Korean fl-2010 (4)
20) Belt ospitanti f'Italia 90 (5)
21) Miguel, midfielder Portugiż fl-2014 (6)
25) Attila, difensur Ungeriż fl-1982 (7)
26) Ricardo Izecson dos Santos Leite (4)
29) Steffen, midfielder difensiv Ġermaniż fl 1998 (6)
31) Fernando, midfielder difensiv Arġentin fl-2014 (4)
32) Benedict, left-back Niġerjan fl-1994-1998 (5)
33) Néicer, full-back tal-Ekwador fl-2006 (6)

### Weqfin

1) Kunjom ta' referi xejn favorit mat-Taljani! (6)
2) L-istilla Brażiljana tal-mument (6)
3) Carlos, goalkeeper Arġentin fl-1998 (3)
4) Bakary, referee mill-Gambja fl-2014 (7)
5) Waħda mill-bliet ospitanti fi Brażil 2014 (5)
6) Steffen, attakkant Norveġiż 1998-2011 (7)
7) Manuel, goalkeeper taċ-Ċili fl-1962 (7)
13) Miroslav, min aktar? (5)
15) Attakkant Brażiljan b'żewġ partiti fl-1996 (5)
18) Mohammed, midfielder tas-Sawdi Arabja fl-2002-2006 (4)
19) Ashkan, winger tal-Iran fl-2014 (7)
22) Uche, difensur Niġerjan fl-1994-1998 (6)
23) Ariel, attakkant Arġentin fl-1994-1998-2002 (6)
24) Bülent, difensur tat-Turkija fl-1954 (4)
27) Guillermo, midfielder Spanjol fl-1998 (4)
28) Enrique, left-winger tal-Costa Rica fl-1982-1990 (4)
29) "La Mano di ..." ta' Maradona (3)

# FITNESS STUDIO

Triq il-Ġifen, St Paul's Bay

---

## Opening Hours

Mon-Fri 05.00 - 23.00

Sat 08.00 - 18.00

Sun 08.00 - 13.00

The prices for a single membership are as follows:

1 year €230

6 months €160

3 months €110

1 month €50

daily rate €7

Kindly call on 21575490 / 77580001 / email to gaucigym@gmail.com for further information




Your home, at a lower rate. With a fixed rate of 1.99% for the first year and the lowest processing fees on the Maltese islands, we guarantee you'll get the best deal for your new home loan. Talk to us today.

MSVLIFE
PROTECTION | SAVINGS | INVESTMENTS | RETIREMENT

*Your success is our goal*

BOV
Bank of Valletta

**BOV HOME LOANS**
**2131 2020 | bov.com**
**Send a blank sms to 7969 6975 (normal SMS tariffs apply)**

Offer valid until 31st December 2014 and may close earlier at the Bank's discretion. 1.99% fixed interest rate for 12 months. Up to €150 discount on a new MSV Life policy premium for the first year. Loans are subject to normal bank lending criteria and final approval from your BOV branch. The term of the loan must not go beyond retirement age up to a maximum of 40 years, whichever is the lower. The base rate on Home Loans is 2.15% as at time of publication. Please check for the latest bank's base rate. Representative example of a Home Loan based on a loan amount of €150,000 being made available to a first-time buyer at a fixed interest rate of 1.99% for the first 12 months and a variable interest rate of 3.10% p.a. for the remaining 408 months. The APR will be 3.07% p.a. The loan will be repayable in 12 equal monthly instalments of €498.25 and 408 equal monthly instalments of €586.97 over a term of 35 years. The total sum payable throughout the term of the loan assuming the variable interest rate remains unchanged will be €245,851.79. The total sum payable throughout the term of the loan if the fixed rate is not available would be €247,903.27. The fixed interest rate may therefore result in savings of up to €2,051.48. This fixed rate will not change during the term of 12 months and is available for a limited period of time. Applicable charges on this loan are as follows - fully refundable processing fee of €450; flat legal fee of €150; no booking fee; updating of searches fee of €20 and a closing of account fee of €100. Bank of Valletta p.l.c. is an enrolled tied insurance intermediary of MSV Life p.l.c. MSV Life p.l.c is authorised by the Malta Financial Services Authority to carry on long term business of insurance under the Insurance Business Act 1998. Terms and conditions apply.
Issued by Bank of Valletta p.l.c. 58, Zachary Street, Valletta VLT 1130 - Malta